**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Ottubru, 2016**

**Citazzjoni Nru: 655/2007 AF**

**Polidano Theresa sive Teresa armla ta' Giovanni u binha Polidano Carmelo bl-indirizz: 25B, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Benghajsa – limiti ta' Birzebbuga**

**vs**

**Vella Joseph, iben Edwin u martu Vella Helen, bint Emanuel Demarco: 24, "Ta' Peppi", Conception Street, Benghajsa – l/o Birzebbuga**

**Mizzi Maria Carmela maghrufa bhala Marika, legalment separata minn Fabian Mizzi, bint Victor Mifsud: 245, Triq il-Kampanella, Fgura**

**Mizzi Fabian, iben Victor: 245, Triq il-Kampanella, Fgura**

**In-Nutar Dr. Bisazza Roberta LL.D, bint in-Nutar Dr. Victor John Bisazza LL.D: 215/3B, Old Bakery Street, Valletta**

**In-Nutar Dr. Bisazza Victor John LL.D: 215/3B, Old Bakery Street, Valletta**

**In-Nutar Dr. Cassar George LL.D: 51, Triq l-Ifran, Valletta u b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Awwiss u, 2010, wara l-mewt tan-Nutar George Cassar, il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem in-Nutar Pierre Cassar**

**L-Arkitett u Inginier Civili Schembri Michael: 22, Triq San Andrea, Birzebbuga**

**Ic-Chairman tal-Malta Environment & Planning Authority jew ir-Rapprezentant tieghu: Malta Environment and Planning Authority (MEPA), St. Francis Ravelin, Floriana**

**Farrugia Josephine, bint il-mejjet Rocco Farrugia: 5, "Maria Anna", Triq it-Thabrik, Birzebbuga**

**Grech Catherine Esther, armla ta' George Ferdinand, bint il-mejjet Rocco Farrugia: 81, Triq il-Port Hieles, Birzebbuga**

**Ellul Carmela, mart Joseph Ellul: de proprio et nomine: 21, Triq Herakles, Qajjenza, limiti ta' Birzebbuga**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Theresa Polidano u Carmelo Polidano, li permezz tiegħu wara li ġie premess:

Jiena nibda biex nirreferi ghad-Dikjarazzjoni dwar proprjetà li jiena hlift nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2007, fil-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta quddiem Deputat Registratur, Kummissarju ghall-Guramenti.

Jiena nirreferi wkoll ghad-Dokument indikat bhala CP2 li huwa elenku ta' dokumenti u li fih jindika numru ta' Dokumenti relevanti li jiena qed nesebixxi bhala prova biex nissostanzja dak li qed nikkonferma bil-gurmanet odjern u li ommi u jiena bhala binha qeghdin naghmlu talbiet biex din il-wisq Onorabbli Qorti tiddeciedi dwarhom fid-dawl tal-provi li ahna sejrin inressqu u naturalment b'dak ukoll li sejrin jghidu l-persuni

mhux biss li qeghdin inharrku bhala Intimati / Konvenuti, imma persuni ohra li jittellghu biex jixhdu u anka dokumentazzjoni li qeghda tigi esebita jew sejra tigi esebita fil-mori ta' din il-kawza.

Illi a skans ta' ripetizzjoni, ghalhekk, jiena nirreferi ghad-Dokument CP1 li huwa Dikjarazzjoni dwar Proprjetà li jiena ghamilt ghan-nom ta' ommi kif ukoll ghan-nom tieghi billi jiena ghandi interess bhala binha imma li peress ommi ma tantx tiflah timxi wara operazzjoni serja li kellha taghmel f'irkoppitha, allura l-gurament qed niehu jien u ser nidher quddiem din l-onorabbli Qorti jien ukoll bhala Rikorrenti / Attu imma ommi hija ugwalment Rikorrenti u Attrici u jiena qiegħed nidher f'din kawza maghha in rapprezentanza taghha jekk ikun il-kaz u anka f'ismi proprju wkoll bhala Rikorrenti / Attur kif huwa mfisser car fid-Dikjarazzjoni dwar Proprjetà u fil-kwantità ta' Dokumenti li gew esebiti ma din id-Dikjarazzjoni dwar Proprjetà fid-Dokument indikat bhala CP2 li huwa elenku ta' dokumenti mhux anqas minn disgha u tletin dokument, li ahna esebejna biex nissostanzjaw il-premessi li sejrin insegwu, id-dikjarazzjoni guramentata li saret skond kif hawn qed jigi mfisser, it-talbiet li imbaghad sejrin nissottomettu quddiem din l-Onorabbli Qorti biex jigu decizi skond il-Ligi, il-haqq u l-gustizzja trasparenti.

Illi naturalment ahna wkoll qed nindikaw Lista ta' Xhieda ta' persuni li jekk ikun il-kaz ahna fi hsiebna li ntellghu biex jelaboraw, jikkjarifikaw, jesebixxu permezz ta' Dokumentazzjoni ohra jekk ikun il-kaz evidenza li ma thalli ebda dubju li d-Dikjarazzjoni dwar Proprjetà li ghamilna ommi u jien bhala Rikorrenti / Atturi hija verosimili ghall-fatti li ezistew u ghadhom jezistu skond l-istess Dokumenti partikolarment rigward id-dirttijet taghna bhala Rikorrenti / Atturi fuq il-proprjetà li sejra tigi indikata fil-lokal ta' Benghajsa limiti ta' Birzebbuga skond Atti Pubblici li gew ippubblikati u anke biex indikaw certu nuqqasijiet serjissimi li sehhew f'Atti Pubblici ohra f'dawn l-ahhar snin li ghal ragunijiet li jigu stabbiliti minn din il-wisq Onorabbli Qorti invadew id-drittijiet proprjetarji taghna u fejn minghajr il-Proceduri Kontenzjuzi Legali odjerni, l-interessi u drittijiet proprjetarji taghna gew, qeghdin jigu u jista' biz-zmien definittivament jigu ppregudikati

ghal kollox. Illi biex dan ma jsirx, ahna bhala r-Rikorrenti / Atturi qeghdin nintavolaw dawn il-proceduri odjerni.
Illi f'dan l-istadju naghmel referenza wkoll ghall-Protest Gudizzjarju li ahna bhala r-Rikorrenti / Atturi ntavolajna fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Marzu, 2007, referenza numru 82/2007, Cash Number: 664/03/2007, fl-ismijiet "Polidano Camrelo et –vs- Vella Joseph et", liema Protest Gudizzjarju qieghed ukoll jigi mehmuz mal-Atti Processwali ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern, bir-Riferti b'kollox, biex din l-Onorabbli Qorti mmedjatament tigi maghrufa li bhala Rikorrenti / Atturi ahna hadna l-mizuri kollha biex jekk jista' jkun jigu evitati dawn il-Proceduri Kontenzjuzi odjerni kontra diversi Initmati / Konvenuti li però min kienu responsabbli jew minm min minnhom baqghu inadempjenti u ghaldaqstant kellna nirrikorru ghall-kawza odjerna.

Jiena nixtieq inzid ukoll li originarjament fil-Protest Gudizzjarju li ommi u jiena konna ntavolajna nhar is-7 ta' Marzu, 2007, jigifieri aktar minn tliet xhur ilu, ahna konna ndikajna mhux anqas minn sittax-il intimat u dana biex ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt nissalvagwardaw il-posizzjoni legali u fattwali taghna, imma ghall-iskopijiet ta dan ir-Rikors Guramentat odjern ommi u jien sejrin nillimitaw ruhna ghal ghaxar Intimati / Konvenuti li wkoll ahna nqiesu ghandhom interess dirett u *locus standi* f'din il-kawza filwaqt illi l-Avukat Generali tar-Repubblika, is-Segretarju tal-Kunsill Lokali gewwa Birzebbuga, il-Ministeru tal-Ambjent u Zvilupp Rurali, id-Direttur tas-Sahha jew ir-Rapprezentant tieghu, il-Kummissarju tal-Pulizija jew ir-Rapprezentant tieghu, il-Kummissarju tal-Artijiet jew ir-Rapprezentant tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku jew ir-Rapprezentant tieghu, u d-Direttur tal-Arkivju Notarili dawn effettivament ikollhom ibaxxu rashom skond dak li tiddeciedi dwaru a bazi tat-Talbiet taghan, ossija ta' ommi u tieghi, f'dan ir-Rikors Guramentat odjern u ghalhekk din hi r-raguni ghala tmienja mill-Intimati indikati fil-Protest Gudizzjarju ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu 2007 mhux qed jitqieghdu bhala Intimati / Konvenuti f'dan ir-Rikors Guramentat odjern imma minflok qed jizdiedu wkoll zewg Intimati / Konvenuti li fil-mument li gie ntavolat il-Protest Gudizzjarju nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu, 2007, ma konniex indikajnihom imma li issa f'dan l-istadju huwa importanti li jigu indikati.

Ahna bhala Rikorrenti / Atturi qeghdin naccennaw ukoll illi mal-Protest Gudizzjarju li konna pprezentajna kien hemm mehmuzin pjanta li kienet giet redatta mill-Arkitett u Inginier Civili Michael Schembri li huwa wiehed mill-Intimati / Konvenuti f'dan ir-Rikors Guramentat odjern, u Dikjarazzjoni Guramentata tieghi ossija Carmelo Polidano li jiena kont hlift nhar is-26 ta' Frar 2007 u fejn fil-qosor kont tajt l-objettiv fattwali u legali ghala ahna konna ghamilna l-Protest Gudizzjarju.  Issa li kontra qalbna kellna naslu ghal dan ir-Rikors Guramentat odjern, naturalment ser issir referenza ghal numru ta' dokumenti li l-maggor parti taghhom insibuhom elenkati mad-Dikjarazzjoni dwar Proprjetà (Dokument CP1) u gew elenkati fl-Elenku ta' Dokumenti (Dokument CP2) li huwa allaccjat ma' dan ir-Rikors Guramentat odjern fir-Raba' Taqsima ta' dan ir-Rikors Guramentat.  Dan ghal kull buon fin fil-fatti u fid-dritt.

Premessi

Illi ssir Referenza ghall-Protest Gudizzjarju ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu, 2007, kontra sittax-il intimat, li tmienja minnhom odjernament gew ingunti bhala Intimati / konvenuti flimkien ma' zewg persuni ohra rilevantissimi, koppja mizzewga illum legalment mifrudin, li però kellhom sehem importanti fit-tahwid illi sehh fir-rigward tal-proprjetà taghna kif sejjer jigi mfisser fil-mori tal-kawza.  Premess illi tali Protest Gudizzjarju kien gie ntavolat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili minn ommi u minni però minhabba sahhet ommi, il-gurament kont hadtu jien fir-Registru tal-Qrati tal-Gustizzja fil-bini Ewlieni ta' dawn il-Qrati fil-gzejjer Maltin u Ghawdxin.

Premess illi mal-Protest Gudizzjarju ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu 2007, kont ghemizt pjanta redatta mill-Arkittett u Inginier Civili Michael Schembri li wkoll huwa wiehed mill-Intimati / Konvenuti odjerni u dan minhabba nuqqas ta' diskrepanza fil-pjanta maghmula mill-Arkitett u Inginier Civili imsemmi meta mqabbla ma dak kif kellha tkun il-mappa skond il-Kuntratti tal-1954 kif jigi mfisser aktar 'il quddiem f'dan ir-Rikors Guramentat odjern u ssostanzjat b'xhieda ulterjuri fil-mori ta' din il-kawza.

Premess illi mal-Protest Gudizzjarju ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu tas-sena kurrenti, hemm mehmuz Dokument CP1 li huwa Dikjarazzjoni Guramentata minni stess li tfisser il-passi mmedjati li jiena kont qed niehu biex nevita din il-kawza odjerna, liema Dikjarazzjoni Guramentata kienet saret nhar is-26 ta' Frar 2007, ukoll fil-bini ewlieni tal-Qrati tal-Gustizzja fil-gzira ta' Malta: il-Protest Gudizzjarju hawn imsemmmi li fih tnax-il faccata, il-Pjanta tal-Arkitett u Inginier Civili Michael Schembri, u din id-Dikjarazzjoni Guramentata li accennajt ghaliha qeghdin jigu hawn mehmuzin bhala Dokumentarju EDB1 li fih jikkomprendi dan id-Dokument EDB1 l-imsemmi Protest Gudizzjarju ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu 2007, kif ukoll il-Pjanta msemmija tal-Perit Schembri (li apparentement huwa impjegat governattiv però), u d-Dikjarazzjoni Guramentata tas-26 ta' Frar 2007.

Premess illi ghandha ssir referenza ghad-Dikjarazzjoni dwar Proprjetà li jiena bil-gurament tieghi ghamilt u effettivament hlift ukoll fil-Bini Ewlieni tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta nhar il-Hamis, 10 ta' Mejju, 2007 f'liema dikjarazzjoni dwar proprjetà li hija indikata bhala Dokument CP1 gie mfisser il-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri u x'qeghdin nippretendu ahna bhal Rikorrenti / Atturi minn din il-kawza li ahna qeghdin nintavolaw permezz ta' dan ir-Rikors Guramentat illum u li ma dan ir-Rikors Guramentat din id-dikjarazzjoni dwar proprjetà ghandha titqies bhala li ser tkun xi haga intimament integra.

Premess illi ma din id-dikjarazzjoni dwar proprjetà hemm mehmuz elenku ta' dokumenti fejn hemm lista ta' dokumenti bi prefissir differenti li jkopru aktar minn wiehed u erbghin (41) dokument b'dettalji rilevantissimi u importantissimi li jindikar illi din il-kawza li ghall-but tieghi qed tiswieli hafna flus b'dak kollu li kelli naghmel biex gbart dawn id-dokumenti, ir-ricerka li ghamilt biex ottjenejthom, il-konsultazzjonijiet li kelli naghmel u qieghed ikolli naghmel ma' Arkitett u Inginiera Civili, Ufficjali ta' Istituzzjonijiet li kelli navvicina bhal MEPA, hlas ta' spejjez konnessi ghal site plans u mapep li jirriflettu diversi perjodi, drittijiet ta' Nutara Pubblici, Periti, Avukati u Qrati … jiena bhala bidwi zghir fl-età u fid-dimensjoni dawn l-ispejjez sibthom iebsa hafna ghalija imma imheggeg minn ommi u membri tal-familja tieghi, jiena bqajt determinat li ommi u jien nifthu din

il-kawza jekk is-sitwazzjoni, l-atteggjament u l-abbuzi jibqghu kif kienu u galadarba baqghu kif kienu ftaht din il-kawza li fost il-provi biex nissostanzja dak li ahna qed nissottomettu hemm dawn is-disa u tletin dokument li insibuhom elenkati fid-Dokument CP2 li huwa l-elenku ta' dokumenti mad-dikajrazzjoni dwar proprjetà u fejn imbaghad insibu wkoll dawn id-diversi dokumenti debitament esebiti u li qeghdin jigu debitament notifikati lill-Intimati / Konvenuti kollha li kontra taghhom din il-kawza qeghda ssir biex huma lkoll jew min minnhom jaghmlu tajjeb halli jirrestitwixxu fl-integrità ta' kif kienet il-posizzjoni fattwali u legali a bazi taz-zewg kuntratti tal-1954 u jikkompensawna wkoll ghad-danni li l-familja tieghi soffrejna, qed insofru u ghad nistghu nibqghu insofru sakemm is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi bl-abbuzi dejjem jizdiedu skond kif skoprejt jiena personalment f'dan iz-zmien kemm ilni nirricerka din il-kawza u sakemm qed nintavolaha u probabilment anke wara li nkun immedjatament intavolajtha; ghalhekk ir-Referenzi importantissimi ghal Dokument CP1, CP2,, id-dokumenti l-ohra konnessi ma dawn l-ahhar zewg dokumenti flimkien mad-dokument EDB1 li fih innifsu fih ukoll tliet dokumenti ohra. Mela digà hawn qeghdin nitkellmu skjerar ta' mhux anqas minn erbgha u erbghin (44) dokumenti.

Premess illi dokument importanti iehor huwa l-Prokura Generali li jiena ghandi ghan-nom ta' ommi theresa Polidano r-Rikorrenti / Attrici odjerna armal ta' missieri Giovanni u bint Anthony Grech u Rosaria neè Darmanin it-tnejn mektin li proprju minn dejjem ghexet wara z-zwieg ma' missieri f'dan ir-razzett denominat "Tal-Gholja" bl-erbat itmiem raba' fil-madwar u din hija ohra mir-ragunijiet ghala jiena qieghed nidher bhala Rikorrenti / Attur f'din il-kawza naturalment apparti mill-fatt li jiena wiehed mit-tfal tal-konjugi Giovanni u Theresa Polidano, nirrisjedi fl-istess indirizz li fih ghixt u jiena llum ghandi l-età ta' 32 sena kwazi u fuq kollox ghandi interess li nara li l-art u l-konfini u d-drittijiet u l-gustijiet li kienu jappartjenu lill-axxendenti tieghi jibqghu salvagwardati u mhux kif gew abbuzati fid-dawl ta' xi kuntratti li saru ricentement u li allokaw drittijet, uzufruttijiet, gusti, proprjetà lil terzi b'abbuz jew negligenza, nuqqas ta' ricerka, nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-proprjetà u li ghaldaqstant dawn ahna rriduhom irretifikati fl-interess tat-trasparenza tal-gustizzja u civilment f'dan l-

istadju qeghdin nipprezentaw din il-kawza odjerna l-Qorti: ghalhekk l-importanza tad-Dokument ta' din il-Prokura Generali li l-originali ta dawn id-dokumenti kollha tista' tghid u sa fejn stajt jinsabu kollha fis-sigur imma fil-pusssess tieghi u li ghaddejt il-kopji taghhom lill-konsulent legali tieghi Dr. Emmy D. Bezzina wara li dan ivverifika li kienu vera kopji tal-originali li jiena wrejtu w awtentici ma' dokumenti ohra li jiena ma setax ikolli l-originali taghhom bhal kuntratti tal-1954 imma li gibt kopja legali u awtentika mill-ghejjun fejn jinsabu ddepozitati bhal dak tal-Arkivji Notarili.

Premess illi peress li n-nanniet paterni ossija Francesco Polidano u martu Giovanna mart Francesco Polidano illum it-tnejn jinsabu mejtin, u anke missieri miet numru ta' snin ilu meta jiena kont ghadni zghir hafna, imma bhala avukat missieri kellu f'xi zmien lill-avukat attwali tieghi Dr. Emmy D. Bezzina, huwa relevanti li ssir referenza ghal dokument iehor li huwa t-testment tat-8 ta' Settembru tas-sena 1981 (08-09-81), fejn ommi Theresa Polidano r-Rikorrenti / Attrici odjerna wirtet titlu legali (prelegat) fuq ir-razzett denominat "Tal-Gholja" in porzjoni raba' mieghu unita ta' cirka erbat itmiem li jinsab Benghajsa limiti ta' Birzebbuga u bid-dettalji kollha li hemm fid-dokument citat u li jisab ukoll esebit: dan kollu qieghed jigi enfasizzat f'dawn il-premessi biex ma jitqanqal ebda dubju dwar l-interess guridiku u l-locus standi li ommi u jiena ghandha biex b'kull dritt qed naghmlu din il-kawza kontra min jew min ivvjolenta d-drittijiet proprjetarji taghna li telghu fil-wicc wara ricerka estensiva li hadt l-intrigu li naghmel jien u li nirringrazzja 'l Alla gejt mghejjun biex niskopri hafna inezatezzi li jiena qed nirreferi ghalihom bhala abbuz u li peress li b'ugigh ta' qalb bil-kelma l-partijiet li nvadewlna d-dirttijiet taghna ma riedux jaslu, allura l-uniku rimedju kien konfront legali fil-parametri ta' din il-kawza odjerna.

Premess illi f'dan l-istadju ghandu jigi studjat sewwa l-Att Pubbliku tal-Bejgh in Atti Nutar Dr. Joseph Vella Galea ta' nhar is-27 ta' Frar 1954 li fih id-dettalji ta' x'kienu akkwistaw Francesco Polidano, Antonia mart Carmelo Schembri u Rocco Farrugia u cioè b'referenza ghar-razzett citat imlaqqam "Tal-Gholja" fi sqaq privat, Conception Street, fil-limiti ta' Birzebbuga, kontrada ta' Benghajsa tal-kapacità superficjali l-

imsemmija ghalqa bir-razzett b'kollox ta' cirka sitax-il tomna, kif mbaghad gew divizi biex l-art li qeghda tigi kkontestata u drittijiet fuqha f'din il-kawza odjerna kienet giet tappartjeni esklussivament lil Francesco Polidano u lil martu Giovanna Polidano illum i-ttnejn mejtin u li f'dan ir-rgiward l-eredi taghhom kienet ommi Theresa Polidano, ir-Rikorrenti / Attrici odjerna: Illi l-original ta' dan l-att pubbliku jinsab fl-arkivji notarili li jiena ottjenejt fotokopja tal-original tieghu nhar il-25 ta' Jannar tas-sena kurrenti kif jista' jigi facilment vverifikat. Illi dan huwa wiehed mill-kuntratti li huwa s-sodda legali, l-infrastruttura ghall-pretensjonijiet legalment u fattwalment fondati taghna fl-intavolar tal-kawza odjerna.

Premess illi ssir referenza ghal att pubbliku iehor maghmul ukoll minn Nutar Pubbliku Dr. Joseph Vella Galea fl-istess jum tas-27 ta' Frar 1954 li kien att pubbliku ta' divizjoni din i-darba bejn Francesco bidwi, Antonia mart Carmelo Schembri, zewg ahwa Polidano, ulied Giovanni Polidano u l-mejta Katerina neè Darmanin u Rocco Farrugia, bidwi, bin il-mejjet Giuseppe Farrugia u Giuseppa neè Polidano. Illi dawn it-tliet komparenti rreferu ghall-ghalqa bir-razzett bla numru anness maghha mlaqqma "Tal-Gholja" sive "Tal- Harrig" u "Tal-Gannus", fi sqaq privat, Conception Street, kontrada ta' Benghajsa, limit ta' Birzebbuga, tal-kapacità superficjali l-imsemmija ghalqa bir-razzett b'kollox ta' cirka sittax-il tomna fejn dawn it-tliet persuni kienu ko-possedenti ta' din il-medda ta' art bir-razzett b'kollox u li jinteressana hu li l-komparenti Francesco Polidano 'ghandu prozjoni indiviza ta' tmienja u tmenin parti minn mija u hamsa u sebghin' u li nsibuha iskritta f'pagna 232 tal-fotokopja mill-original ta' dan l-att pubbliku li hawn qieghed jigi indikat u citat: kopja originali mehuda mill-Arkivji Notarili nhar il-25 ta' Jannar, 2007.

Premess illi f'dawk iz-zminijiet u hawn qeghdin nirreferu ghal tlieta u hamsin sena ilu, il-valur globali tal-imsemmija ghalqa u r-razzett "Tal-Gholja" kien ta' elf u tlieta u disghin lira Sterlina u hmistax-il xelin skond kif ikkalkolata tlieta u hamsin sena ilu u l-kuntratt citat jaghmel referenza kif il-kwoti ghad-divizjoni gew divizi u maqsuma bejn kull wiehed mit-tliet partijiet komparenti peress illi l-objettiv ewlieni tal-kuntratt citat fl-istess jum tas-27 ta' Frar 1954 kien proprju li ssir din il-qasma

tal-istess ghalqa u razzett "Tal-Gholja" u skond kif jirrizulta mill-kuntratt citat Antonia mart Carmelo Schembri u Rocco Farrugia assenjaw u ttrasferew a favur tal-komparenti l-iehor Francesco Polidano, u dan jaccetta u jakkwista in sodisfazzjon ta' sehemu kollu mill-imsemmija ghalqa u r-razzett "Tal-Gholja" (a) nofs indiviz mill-imsemmi razzett bla numru fi sqaq privat, Conception Street, kontrada ta' Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga, imiss u jikkonfina dan in-nofs (1/2) diviz mill-istess razzett (u l-kuntratt ifissrilna dawn l-irjihat minn nofsinhar, mill-lvant u majjistral u mit-tramuntana), partikolament interessanti mill-lvant u majjistral ma' beni tal-istess komparenti Francesco Polidano, mill-imsemmi razzett, fejn kien hemm inkluza wkoll il-kamra rurali bla numru li hemm f'ras l-imsemmi sqaq privat, faccata ma' Conception Street, tmiss u tikkonfina din il-kamra u l-kuntratt imbaghad ifisser ukoll l-irjiehat: kwindi dan huwa l-kuntratt bazilari, il-gebla legali infrastrutturali li ghalih trid issir referenza u li a abazi tieghu r-Rikorrenti / Atturi qeghdin jintavolaw principalment din il-kawza odjerna.

Premess illi ssir referenza – fost dettalji ohra li dwarhom issir elaborazzjoni fil-mori ta' din il-kawza – ghas-servitù tal-passagg bir-rigel versu beni tal-eredi ta' Maria Carmela Zammit kif insibu f'pagna 240 tal-att pubbliku tas-27 ta' Frar 1954 in atti Nutar Dr. Joseph Vella Galea fejn interalia naqraw ukoll f'pagna 241 tad-dokument originali miktub bl-idejn u konservat fl-arkivji notarili li "l-imsemmija proprjetà immobiljari kollha aktar 'il fuq deskritta li giet b'dan il-kuntratt assenjata lill-komparenti Francesco Polidano mill-komparenti Antonia Schembri u Rocco Farrugia in sodisfazzjon ta' sehemu kollu mill-imsemmija ghalqa u r-razzett "Tal-Gholja" u fejn imbaghad gew imposti xi pizijiet però wkoll "u ghandha tgawdi dritt tal-passagg bir-rigel u bit-truck, wiesgha tmien piedi minn fuq il-porzjon tal-istess ghalqa "Tal-Gholja" li sejra tigi assenjata lill-komparenti Rocco Farrugi minn dik in-naha taghha li tmiss mit-tramuntana mar-razzett imsemmi u skond dettalji ohra li nsibu fl-istess kuntratt citat.

Premess illi ghaldaqstant dan il-kuntratt li hawn qed jigi citat ma jhalli ebda dubju dwar il-validità tat-titolu tar-Rikorrenti / Atturi partikolarment ta' Theresa Polidano omm Carmelo

Polidano, dwar i-rrazzett u l-art tal-madwar ta' cirka erbat itmiem u d-drittijiet, gustijiet, servituwijiet, li gew abbinati ma dan l-akkwist a favur Francesco Polidano. Premess illi l-istudju ta dan l-att pubbliku u r-ricerka kellhom ikunu ricerka sine qua non li kellhom isiru qabel setghu jigu ppublikati Atti Pubblici fis-snin ta' wara, kif effettviament sar però bi vjolazzjoni ta' hafna minn dak li kien stabbilit f'dan il-kuntratt li hawn qed jigi citat konness mal-ghalqa u r-razzett imlaqqmin "Tal-Gholja".

Premess illi ta' importanza kbira hija naturalment il-provenjenza indikata lejn it-tmiem ta' dan il-kuntratt ta' divizjoni li allura tissoda u tistabilixxi l-pretensjonijiet legali u fattwali da parti tar-Rikorrenti / Atturi fil-konfornt tal-Intimati / Konvenuti fir-rigward tal-abbuzi li sehhew bi vjolazzjoni ta' drittijiet legali tal-attwali Rikorrenti / Atturi: ghaldaqstant qieghed ghal darba ohra jigi dikjarat li l-original ta' dan l-Att Pubbliku jinsab fl-arkivji notarili fil-Belt Valletta u li minn hemm ir-rikorrenti / atturi hadu fotokopja tal-originali tramite l-arkivist fil-25 ta' Jannar 2007.

Premess illi ssir referenza ghal diversi site plans li gew mehmuzin bhala dokumenti integralment mal-atti processwali ta' dan ir-rikors guramentat, fosthom hemm site plan tal-1912 li turi ezatt din l-arja imlaqqma "Tal-Gholja" b'dan ir-razzett kif kienu jigu indikati flimkien ma' site plans ohra fis-snin aktar ricenti inkluz wahda rilaxxjata mill-Malta Environment and Planning Authority fl-20 ta' Frar tas-sena kurrenti kif ukoll pjanti maghmulin mill-perit Anton Zammit fit-18 ta' Jannar tas-sena kurrenti, uhud minnhom ikkuluriti deliberatament mill-istess Rikorrenti / Atturi, u fejn hemm indikati l-irjiehat tal-istess lokalità u dan kollu biex ma jithalla ebda dubju li ma kienx xi kapricc tal-mument li r-Rikorrenti / Atturi intavolaw din il-kawza odjerna: dettalji ulterjuri jinghataw fil-mori ta' din il-kawza meta l-istess Rikorrenti partikolarment Carmelo Polidano jelabora aktar jekk ikun il-kaz fuq id-dikjarazzjoni dwar proprjetà li tifforma parti integrali minn dawn l-atti processwali odjerni u li giet mahlufa kif ga inghad nhar il-Hamis 10 ta' Mejju tas-sena kurrenti.

Premess illi wkoll hemm mehmuzin bhala dokumenti u li qeghdin jiffurmaw parti integrali mill-atti processwali odjerni

diversi ritratti li bejniethom ikopru medda ta' snin imma li jfornu evidenza importanti ta' fatti li jirrizultaw fiz-zmien partikolari, ta' abbuzi li qeghdin isiru fiz-zminijiet li wasslu biex tinfetah din il-kawza, partikolarment kontra l-girien immedjati tal-istess Rikorrenti / Atturi li gew indikati u ngunti, imsemmija u mharrka bhala Intimati / Konvenuti, liema ritratti jigu mfissra f'aktar dettal fil-mroi tal-kawza mill-istess Rikorrenti / Atturi.

<u>Kuntratti Ricenti</u>

Premess illi f'dan l-istadju ssir riferenza ghal Att Pubbliku in atti Nutar Dr. George Cassar tal-5 ta' Dicembru 1994 jigifieri ftit anqas min ntlettax-il sena ilu ossija kwazi tnax-il sena u nofs ilu fejn Joseph Farrugia (illum mejjet), l-intimata / Konvenuta Josephine Farrugia ulied il-mejtin Rocco u Maria Anna neè Polidano, kif ukoll l-indikata Intimata / Konvenuta Josephine Farrugia dehret ukoll ghan-nom ta' ohtha l-Intimata / Konvenuta Catherine Esther mart George Ferdinand Grech li dak iz-zmien ma kienitx qeghda fil-gzejjer Maltin kienu dahlu f'att pubbliku ma' Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine u fejn l-Intimati / Konvenuti Josephine Farrugia de proprio et nomina inkluz Catherine Esther mart Goerge Ferdinand Grech kienu assenjaw u trasferixxu l-farmhouse numru erbgha u ghoxrin (24), Immaculate Conception Street, Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga, inkluz il-garaxx mieghu anness u kongunt u minnu formanti parti integrali, liema garaxx ghandu biex u tieqa jharsu fuq il-passagg privat markat blu fl-annessa pjanta markata dokument "X", minn kull haga ohra liberu u frank bid-dirttijiet u pertinenzi tieghu kollha, u (2) il-gardina ossija gonta raba' li tinsab faccata tar-razzett, separata minnu b'passagg ossija sqaq, kif delinejata bl-ahdar fil-pjanta hemm annessa mmarkata Dokument "X" bl-irjirhat kif hemm indakati u (3) porzjoni ta' art ta' forma triangolari markata bil-kulur 'orange' u mmarkata bl-ittra D fl-annessa pjanta mmarkata Dokument "X" tal-kejl ta' cirka sitt metri kwadri, tinsab fi-ttarf tal-garaxx u tmiss nofsinhar ma' proprjetà ta' Therese Polidano, punent mal-proprjetà fuq mibjugha mill-vendituri ahwa Farrugia lill-mizzewgin Ellul u irjieh ohra, u hemm indikat li kull kumpens li jithallas mill-Awtoritajiet kompetenti rigward l-arja tal-passagg quddiem il-gardina ossija gonta raba' delinejata bl-ahdar fl-imsemmija

pjanta jkun dovut lill-venidituri Farrugia fejn hemm imsemmi li 'il-passagg markat bl-ittra B u kulurit blu fl-annessa pjanta huwa proprjetà tal-vendituri ahwa Farrugia, bi dritt ta' passagg bi-ttruck u bir-rigel favur terzi però x-xerrejja Ellul inghataw id-dritt li jaghmlu fossa quddiem il-bieb tal-genb tal-garaxx li tkun isservi lir-razzett hawn mibjugh'.

Premess illi dan il-kuntratt in atti Nutar Dr. George Cassar li kopja awtentikata tieghu tinsab mehmuza mad-diversi dokumenti li jiffurmaw parti integrali mir-rikors guramentat odhern huwa l-qofol tal-abbuz illi sar billi jew minhabba nuqqas ta' ricerka, jew minhabba nuqqas ta' vigilanza, jew minhabba mala fede da parti tal-vendituri proprio et nomine kif jirrizultaw mill-Att pubbliku tal-5 ta' Dicembru tal-1994, dan l-att ta' bejgh li gie insinwat fis-16 ta' Dicembru tal-1994 jew b'qerq inbieghu u inghataw drittijiet li l-ahwa Farrugia ma kellhom ebda dritt jew jedd li joholqu u jbieghu 'il ghaliex dan id-dritt qatt ma kien jispetta lill-genituri taghhom il-mejtin Rocco u Maria Anna neè Polidano (u hawn qed isir referenza ghall-atti pubblici tal-1954 li ghalihom già saret referenza fil-premessi u paragrafi precedenti) u ghalhekk dan il-kuntratt ser ikun wiehed mill-kontestazzjonijiet qawwija li r-Rikorrenti / Atturi qeghdin jaghmlu f'din il-kawza odjerna biex mhux biss is-sitwazzjoni terga' titregga lura fl-istat originali taghha permezz tar-restituzzjoni in integro imma anka billi jinghataw danni bhala kumpens ghal dak li sofrew, qeghdin isofru u ghad jistghu isofru r-Rikorrenti / Atturi odjerni u l-eventwali eredi taghhom.

Premess illi fl-att pubbliku tal-5 ta' Dicembru 1992, tnax-il sena u nofs ilu, il-vendituri wkoll indikaw li huma kellhom id-dritt li allura ghaddewh lix-xerrejja issa "flimkien ma' haddiehor ta' passagg liberu minn go moghdija wiesa' tliet metri kulurit bil-blu fil-pjanta fuq indikata mmarkata Dokument "X". Din il-moghdija ma tkunx tista' tigi ngumbrata jew tinbena, hija u tibqa' proprjetà esklussiva tal-vendituri u kull kumpens li jithallas mill-awtorità kompetenti, ghaliha jithallas lill-ahwa Farrugia.

Premess illi huwa importanti u rilevanti li jigi dikjarat li Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine li ghandha n-numru tla-

karta tal-identità 190081(M) kienet iddikjarat li dan il-farmhouse sejjer ikun l-unika dar futura taghha u ta' zewgha, li huwa ovvju u ma jidhirx li rrizulta li kien il-kaz konsiderando li anqas minn tliet snin wara l-imsemmija Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine bieghet l-imsemmi fond lil certu Fabian Mizzi u lill-mara tieghu Maria Carmela konoxxuta bhala Marica Mizzi kif sejjer jigi mfisser aktar 'il quddiem f'dawn il-premessi u f'dan ir-rikors gurmanetat liema Fabian Mizzi u Marika Mizzi llum huma legalment mifruda u gew imharrka separatament bhala Intimati / Konvenuti kif jirrizulta mill-lista tal-persuni Intimati / Konvenuti.

Premess illi huwa importanti hafna li wiehed jistudja l-provenjenza indikata f'dan il-kuntratt tal-5 ta' Dicembru tal-1994 u partikolarment fejn hemm indikat 'jibqa' espressament stabbilit ghal kull buon fin u effett tal-ligi illi l-porzon tal-art tal-kejl ta' sitt metri kwadri markata bl-ittra D ser isservi biex jitla' dan it-tarag ghal fuq tar-razzett u l-gardina delinejata bl-ahdar fl-istess pjanta hija l-gardina tal-istess farmhouse'. Peress illi dan qieghed jigi kkontestat bl-aktar mod rigoruz mir-Rikorrenti / Atturi odjerni kif jirrizulta mill-atti processwali ta' dan ir-rikors guramentat odjern u mix-xhieda li tigi ulterjorment prodotta fil-mori ta' din il-kawza.

Premess illi ghalhekk dan il-kuntratt citat tal-5 ta' Dicembru tal-1994 in atti Nutar Dr. George Cassar minnu jirrizulta kjarament l-abbuzi li sehhew imsejsa fuq pjanta tal-arkitett u Inginier Civili Michael Schembri li wkoll huwa mharrek bhala Intimat / Konvenut u fejn hawnhekk naraw l-ewwel grupp sostanzjali ta' Intimati / Konvenuti jigu indikati minhabba l-abbuzi li twettqu b'detriment u vjolazzjoni serjissimi bi pregudizzji kbar kontra r-Rikorrenti / Atturi anke jekk wiehed jistudja d-Declaration by Notary fejn hemm indikati fatti li mhumiex minnhom ghal dak li huma verosimiljanza taghhom bhal per ezempju l-porzjon ta' art ta' forma triangolari tal-kejl ta' cirka sitt metri kwadri u f'dan il-kuntest issa ssir referenza ghal Att pubbliku iehor tat-13 ta' Jannar tas-sena 1997, att pubbliku li legalment lanqas suppost seta' jsir minhabba d-dikjarazzjoni li kienet tenniet Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine u li ghandha n-numru tal-karta tal-identità numru 16955(A), fatt li già sar accenn ghalih aktar 'il fuq fejn

huwa interessanti l-fatt ukoll li fl-att pubbliku tan-Nutar Dr. George Cassar Carmela mart Joseph Ellul hija indikata li ghandha n-numru tal-karta tal-identità numru 16955(A) altrimenti bl-istess dettalji skond il-kuntratt precedenti fejn anka l-atti tan-Nutar Dr. George Cassar gew indikati hazin bid-data tal-5 ta' Dicembru tal-1995 meta d-data korretta kellha tkun il-5 ta' Dicembru tal-1994 u ghalhekk ir-Rikorrenti / Atturi ma jafux jekk dawn l-izbalji setghux saru deliberatament minhabba Dikjarazzjoni li kienet ghamlet l-imsemmija Carmela mart Joseph Ellul li hi ma kienitx sejra tbiegh il-proprjetà minnha mixtrija bl-Att pubbliku tal-5 ta' Dicembru tal-1994.

Kuntratt tat-13 ta' Jannar 1997

Premess illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dokument iehor li huwa mibni fuq l-att pubbliku tal-kuntratt in atti Dr. George Cassar fuq indikat u dan huwa l-att pubbliku in atti Nutar Dr. Victor John Bisazza tat-13 ta' Jannar tal-1997 li huwa kkonkatenat mal-att pubbliku precedneti fejn din id-darba l-konjugi Fabian u Marika Mizzi xtraw dak li kienet xtrat Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine, bl-istess dettalji, bl-istess abbuzi u bl-istess zbalji li jfisser illi ma sarux ricerki ulterjuri mibnija fuq il-provenjenza li l-istess Nutar Dr. George Cassar kien indika fil-kuntratt ippubblikat minnu u li kienu saret ricerka sejra hemm il-probabilità li l-izbalji fl-att pubbliku tal-5 ta' Dicembru tal-1994 ma kienux jipperpetraw ruhhom ghal darb'ohra f'dan l-att pubbliku li ghalih qeghda ssir referenza issa ghad illi huwa rilevanti li jigi rilevat illi mkien fl-att pubbliku tan-Nutar Dr. George Cassar ma saret ebda referenza ghaz-zewg kuntratti tal-1952 li Rocco u Maria Anna mizzewgin Farrugia kienu ffurmaw parti integrali minnu skond kif imfisser aktar 'il fuq u allura ghalhekk l-enfasi dwar l-abbuz, in-nuqqas ta' serjetà u diligenza, il-mankanza ta' ricerka li ghalih qeghda ssir referenza li jenfasizzaw ruhhom aktar f'dan id-dokument tat-13 ta' Jannar tal-1997 fejn insibu mutatis mutandi l-istess akkwisti li ghamlet Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine mibjugha issa lill-konjugi Mizzi bl-istess riproduzzjonijiet favur l-ahwa Farrugia, bl-istess drittijiet abbuzivi li ma kien hemm ebda jedd li jinghataw bhal dik ta' dritt li ssir fossa quddiem il-genb tal-bieb tal-garaxx li tkun isservi lir-razzett mibjugh u evidentament apparti mid-

differenza fil-prezz li f'anqas minn tliet snin il-prezz varja minn dsatax-il elf Lira Maltin ghal erbgha u ghoxrin elf Lira Maltin, varjazzjoni ta' hamest elef Lira Maltin li naturalment f'dawn iz-zminijiet f'Malta dawk kienu jfissru ammont ta' flus tajbn, u apparti mid-dettalji ta' kif kellhom jithallsu l-pagamenti bilancjali li kienu ghadhom dovuti, l-izbalji u nuqqas ta' serjetà evidenti fl-att pubbliku in atti Dr. George Cassar gew riprodotti b'aktar gravità f'dan l-att pubbliku in atti Nutar Dr. Victor John Bisazza.

Premess illi anke jekk nistudjaw il-provenjenza moghitja fil-kuntratt tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza ma naraw ebda riferenza ghall-kuntratti tal-1954 u ghalhekk dan huwa kuntratt iehor li qieghed jigi infiljat u ghal dan l-iskop mal-Intimati / Konvenuti zdiedu l-ismjiet tal-konjugi Mizzi issa legalment mifruda, u tal-imsemmi Nutar Victor John Bisazza li ghamel uzu fl-att pubbliku citat mill-pjanta tla-arkitett u Inginier Civili Michael Schembri li wkoll huwa Intimat / Konvenut u mill-prokura ta' Carmela Ellul de proprio et nomine li allura jwassalna ghal att pubbliku iehor, dak tad-9 ta' Jannar tas-sena 2004 in atti Nutar Dr. Roberta Bisazza, bint in-Nutar Dr. Victor John Bisazza fejna llura bir-rispett kollu ma setax jonqos li l-istess zbalji li bdew b'nuqqas ta' serjetà fl-1994 ossija tnax-il sena u nofs ilu baqghu jipperpetwaw lilhom infushom l-ewwel fil-kuntratt tal-1997 u issa naraw seba' snin wara l-istess zbalji immanifikati fid-9 ta' Jannar 2004.

<u>Kuntratt tad-9 ta' Jannar 2004</u>

Premess illi nhar id-9 ta' Jannar tas-sena 2004 in atti Nutar Dr. Roberta Bisazza, bint in-Nutar Dr. Victor John Bisazza sar kuntratt iehor f'dan ic-ciklu ta' trilogija ta' kuntratti fejn tkompliet il-perpetwazzjoni tal-ingustizzji, abbuzi, zbalji, negligenza, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti li bihom isiru Atti Pubblici fejn din id-darba certu Joseph Vella u martu Helen Vella neè Demarco akkwistaw minghand Marika Mizzi li issa allura già kienet legalment mifruda minn zewgha Fabian Mizzi u l-istess Fabian Mizzi dak illi kienet akkwistat originarjament Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine in atti Nutar Dr. George Cassar tal-5 ta' Dicembru tal-1994, jigifieri biex inkunu preciz ftit anqas minn ghaxar snin qabel u

cioè l-imsemmi razzett numru erbgha u ghoxrin (24), Immaculate Conception Street, Benghajsa, limit ta' Birzebbuga, bl-istess dettalji anke jekk zbaljati ovvjament, kif kien hemm indikat mal-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza u fuq pjanta annessa ma kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. George Cassar tal-5 ta' Dicembru tal-1994 u purtroppo dan irrefera wkoll ghall-gardina u ghal porzjoni ta' art ta' forma triangolari markata bil-kulur isfar u markata bl-ittra "D" fl-imsemmija pjanta tal-kejl ta' cirka sitt metri kwadri: huwa interessanti din id-darba li l-prezz mill-ammont originali f'din it-triologija ta' kuntratti ta' dsatax-il elf Lira Maltin jitla' ghal hamsa u hamsin elf Lira Maltin, differenza ta' sitta u tletin elf Lira Maltin f'perjodu ta' ftit inqas minn ghaxar snin oltre hamest elef Lira Maltin ohra li dehru bhala prezz tal-ghamara li tinsab fl-istess fond akkont ta' liema prezz però apparti miz-zieda fil-prezz, zieda konsiderevoli u bi profitt kbir ghall-konjugi Mizzi issa legalment mifruda, il-konjugi Vella li wkoll huma Intimati / Konvenuti wirtu l-izbalji, l-inezatezzi, l-abbuzi, frott ta' nuqqas ta' serjetà, nuqqas ta' ricerka adekwata, profonda u itnensiva, u certament abbuz li m'ghandux isehh 'il ghaliex kieku ma kienitx il-vigilanza tar-Rikorrenti / Atturi dawn l-izbalji kienu jibqghu sejrin in perpetuo u eventwalment kienu jigu preskritti bil-medda tas-snin u taz-zminijiet u dana xi hadd irid legalment iwiegeb ghalih u jaghmel tajjeb barra li jigu kkoreguti l-kuntratti msemmija, ghad-danni sofferti li qeghdin ibatu u ghad jistghu ibatu r-Rikorrenti / Atturi u l-eventwali eredi taghhom, billi anke jekk wiehed jifli l-provenjenza fil-kuntratt tan-Nutar Dr. Roberta Bisazza ssir biss ir-riferenza ghall-kuntratt tan-nutar Dr. Victor John Bisazza u r-ricerka Alla jbierek waqfet hemm, la anqas u lanqas aktar, u dan certament hija nuqqas kbir li ma jistax jithalla ghaddej qisu ma gara xejn b'detriment u bi tabatija, bi pregudizzju u nkonvenjenza lill-imsemmija Rikorrenti / Atturi li issa talli indenjaw iqajmu dawn l-irwiefen legali sempliciment biex jissostanzjaw il-pretensjonijiet taghhom, gejjin hafna mewg minn diversi kwartieri u Awtoritajiet kompetenti li ghaliex sejrin jinkixfu dak li hafna hasbu ma kienx sejjer jinkixef, issa jkunu jridu jinstabu n-nuqqasijiet jekk kien il-kaz tar-Rikorrenti / Atturi biex b'xi mod jigu stultifikati dawn il-proceduri legali li qeghdin jittiehdu odjernament.

Premess illi huwa evidenti mill-premessi kollha li ghadhom kif gew sottomessi aktar 'il fuq f'dan ir-rikors guramentat li r-Rikorrenti / Atturi altru milli huma gustifikati li jaghtu bidu ghal dan ir-rikors guramentat bit-talbiet li issa sejrin jissottomettu lil din l-Onorabbli Qorti, 'il ghaliex huwa evidenti li qabel ma sar il-kuntratt tal-1994 kellhom isiru ricerki profondi u adekwati u bis-serjetà u skond l-arti u regolamenti ta kif dawn ghandhom isiru biex isir att pubbliku serju, huwa evidenti li fl-1994 dana ma sarx u li l-ahwa Farrugia li tnejn minnhom l-irgiel huma llum mejta, bieghu dak li ma kellhomx dritt ibieghu, assenjaw drittijiet li ma kienux f'qaghda li jassenjaw, uzurpaw proprjetà ta' terzi li evidentement ma kellhomx ebda dritt li jaghmlu dan u fuq kollox saret dikjarazzjoni da parti ta' Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine li certament ma gietx onorata meta f'anqas minn tliet snin wara dak li kien dikjarat bhala li ser tkun l-uniku residenza futura taghha f'daqqa wahda spiccat biex bieghetha bl-abbuzi kollha li kienu saru fil-kuntratt ta' Dicembru tal-1994 u bi profitt ghall-istess Carmela Ellul mart Joseph de proprio et nomine: u purtroppo premess illi l-istess zbalji saru fiz-zewg kuntratti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza u ta' bintu Dr. Roberta Bisazza fejn apparti mill-prezz tal-proprjetà dejjem jizdied, l-ingustizzji u l-uzurpazzjonijiet, it-tehid ta' drittijiet u l-inkonvenjenzi li gew ikkagunati lir-Rikorrenti / Atturi bl-ebda mod qatt ma gew irrimedjati.

Premess illi ghaldaqstant meta eventwalment Carmelo Polidano iben Theresa beda bir-ricerka intensiva u dokumentata tieghu u nqraw u gew studjati l-atti pubblici tal-1954, irrizulta manifestament id-diskrepanzi proprjetarji li kienu sehhew imma b'tama li tigi evitata din il-kawza odjerna bl-ispejjez u l-istrapazz kollha li fiha li saru u li ghad iridu jsiru, ir-Rikorrenti / Atturi gibdu l-attensjoni tad-diversi persuni li kienu involuti fil-pubblikazzjoni tat-tliet kuntratti citati fl-1994, fl-1997 u fis-sena 2004 imma dawn kollha baqghu inadempjenti, anzi kien hemm min beda attakki sfrenetici kontra r-Rikorrenti / Atturi li fihom gew involuti issa awtoritajiet kompetenti ohra bhal MEPA, id-Dipartiment tas-Sahha, il-Pulizija u Istituzzjonijiet ohra ufficjali, u fin-nuqqas ta' soluzzjoni gusta fir-rigward tar-Rikorrenti / Atturi ma kien hemm ebda triq ohra ghajr illi tigi intavolata l-kawza odjerna.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

(i) Minhabba n-numru ta’ Intimati / Konvenuti, fl-eventwali kontumacja ta’ xi Intimat / Konvenut jew ta’ grupp minnhom din il-Qorti ghandha minnufih wara t-terminu legali tas-sottomissjoni tal-eccezzjonijiet wara d-debita notifika lil kull Intimat / Konvenut, din il-Qorti ghandha f’tali eventwalità tahtar immedjatament deputati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci u dan biex il-progress f’din il-kawza ma jigix imwaqqaf u stallat ghal zmien aktar minn dak li jkun proceduralment mehtieg.

(ii) Ghandhom minnufih jigu nominati jekk ma jkunx hemm qbil dwar il-fatti bazici rizultanti mid-dikjarazzjoni guramentata ta’ kull parti interessata u debitament notifikata formalment b’dawn l-Atti processwali, fin-nuqqas ta’ qbil ghandhom jigu nominati periti teknici u legali biex ikunu jistghu minnufih u mill-aktar fis possibbli jigbru u jassiguraw li l-fatti kif sottomessi mir-Rikorrenti / Atturi f’dawn il-proceduri huma verosimili partikolarment fejn jidhlu l-konfini tal-proprjetà immobiljari tar-Rikorrenti / Atturi kif indikati f’dawn l-Att Processwali kif ukoll ghal dawk li huma drittijiet naxxenti u li jappartjenu lill-istess Rikorrenti / Atturi skond il-provi prodotti partikolarment iz-zewg atti pubblici tal-1954 debitament mehmuza bhala dokumenti fl-atti ta’ din il-kawza kif ukoll is-site plans u dokumenti ohra rilevanti li ma jhallu ebda dubju dwar il-verosimiljanza tal-pretensjonijiet legali u fattwali da parti tar-Rikorrenti / Atturi odjerni.

(iii) Minhabba l-eventwali likwidazzjoni ta’ danni sofferti u li l-kuntratti citati fis-snin ricenti ossija mill-1994 lil hawn jista’ jkun hemm il-htiega li b’rodni tal-Qorti jigu emendati u aggoranti a bazi tal-provi li jirrizultaw, din il-kawza ghandha tigi appuntata u mismugha b’urgenza minhabba l-konsegwenzi u r-riperkussjonijiet indubitabilment serji li già hemm u li ghad jistghu jkunu hemm.

(iv) Ghandhom isiru verifiki approfonditi jekk l-att pubbliku tal-5 ta’ Dicembru tal-1994 in Atti Nutar Dr. George Cassar bejn l-ahwa Farrugia u Camrela Ellul mart Joseph

de proprio et nomine sarux b'mod serju u intensiv bizzejjed biex sta' gie evitat ir-riperkussjonijiet serji li kien hemm fejn drittijiet li ma kienx hemm inghataw, art li ma kienx hemm inbieghet, gustijiet u servituwijiet inezistenti gew moghtija lil terzi persuni u dan bi pregudizzju u danni kbar ghar-Rikorrenti / Atturi odjerni kif jirrizulta mill-mori tal-kawza, inkluz bdil fl-irjiehat originali kif nistghu naraw mill-kuntratt ta' divizjoni tas-27 ta' Frar 1954 meta mxebbhin mal-att pubbliku ta' nhar il-5 ta' Dicembru tal-1994 in atti Nutar Dr. George Cassar.

(v) Josephine Farrugia, ohtha Carmen Esther Grech armla ta' George u l-familjari ta' Joseph Farrugia llum mejjet ghandhom jikkompensaw lir-Rikorrenti / Atturi odjerni ghad-danni kollha sofferti mill-istess Rikorrenti / Atturi li qed isofru u li ghad jistghu isofru nkluz l-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji li l-istess Rikorrenti / Atturi kellhom jinkorru biex setghet issir gustizzja magghom fir-rigward tal-abbuzi, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti ta' kif isiru l-atti pubblici ta' trasferiment ta' proprjetà immobiljari kellhom isiru, u dan that is-sorveljanza ta' esperti nominati ghal dan l-iskop u ghall-ispejjez tal-istess ahwa Farrugia jew min minnhom u ta' Carmela Ellul de proprio et nomine skond kif jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti.

(vi) L-att pubbliku ta' nhar il-5 ta' Dicembru 1994, in atti Nutar Dr. George Cassar ghandu jigi mmodifikat, mibdul u emendat bil-mod kif tordna din l-Onorabbli Qorti u partikolarment ghal dawk it-taqsimiet fih kontenuti fejn inbieghet art li ma kienitx tal-vendituri, inghataw drittijiet lix-xerrejja meta dawn id-drittijiet qatt ma kienu fl-awtorità tal-vendituri li jaghtuhom u gew imposti gustijiet u servituwijiet fuq ix-xerrejja da parti tal-vendituri meta ma kienx fl-awtorità tal-vendituri li hekk jaghmlu u f'dan il-kuntest tali kuntratt ghandu jigi modifikat a spejjez ta' min il-Qorti tiddetermina kien responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet gravi bi pregudizzji serji u danni sofferti mir-Rikorrenti / Atturi odjerni f'dan ir-rikors guramentat.

(vii) Josephine Farrugia u hutha bhala vendituri proprio et nomine ma kellhom ebda dritt legali li jassenjaw id-dritt ta' bieb u tieqa jharsu fuq il-passagg privat markat blu fl-annessa pjanta markata bhala Dokument "X"; bhal ma kellhomx dritt li jbieghu porzjoni ta' art ta' forma triangolari markata bil-kulur orange u amrkata bl-ittra D fl-annessa pjanta markata bhala Dokument "X" tal-kejl ta' cirka sitt metri kwadri tinsab fit-tarf tla-garaxx u tmiss nofsinhar ma' proprjetà ta' Theresa Polidano r-Rikorrenti / Attrici odjerna: ghalhekk huma ghandhom jigu kkundannati a spejjez taghhom biex jemendaw, jimmodifikaw u jirretifikaw l-att pubbliku tal-5 ta' Dicembru 1994 u dan skond il-ligi u f'terminu qasir u perentorju ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll jikkompensaw lir-Rikorrenti / Atturi tad-danni sofferti, li qeghdin isofru u li jibqghu isofru sakemm il-kuntratt citat jigi debitament retifikat in konfirmità ma' drittijiet proprjetarji tal-Atturi / Rikorrenti u skond il-ligi.

(viii) Din l-Onorabbli Qorti ghandha fic-cirkostanza tiddikjara minn min kien responsabbli ghall-mod kif sar il-kuntratt citat tal-5 ta' Dicembru tal-1994 mehmuz bhala fotokopja mal-atti processwali ta' dan ir-rikors guramentat odjern, u tikkundanna lil kwalsiasi parti li kienet tifforma parti mill-kuntratt citat biex tali kuntratt jigi emendat, modifikat, u retifikat skond id-drittijiet proprjetarji tar-Rikorrenti / Atturi u dan fi zmien qasir u perentorju u skond il-ligi b'mod illi r-Rikorrenti / Atturi jkunu avzati mid-data tal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti meta tali kuntratt ikun hekk gie retifikat u dan dejjem a spejjez ta' dawk l-Initmati / Konvenuti jew minn min minnhom li kienu involuti fl-ghamla, kitba u /jew komposizzjoni tal-istess att pubbliku insinwat nhar is-16 ta' Dicembru 1994.

(ix) Ghandu jigi verifikat u investigat jekk sarux ricerki serji u profondi qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt tat-13 ta' Jannar tal-1997 in Atti nutar Dr. Victor John Bisazza u li kien sar bejn Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine u l-konugi Fabian u Maria Carmela sive Marika Mizzi u dan partikolarment ukoll ghall-klawsola fil-kuntratt tal-5 ta' Dicembru 1994 li Carmela mart Joseph ellul de

proprio et nomine kienet iddikjarat li l-farmhouse 'sejjer ikun l-unika dar futura taghha u ta' zewgha, u niddikjara jiena Nutar li spjegajtilha tajjeb l-importanza tal-veracità ta' din id-dikjarazzjoni taghha, liema provi ghandhom jirrizultaw mid-dokumenti esebiti u provi ohra mressqa fil-mori ta' dan ir-rikors guramentat.

(x) Din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara jekk kienitx in buona fede Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine jew le (ID Card number 16955A) meta bhala venditrici hija bieghet da kli gie mtenni fil-kuntratt tat-13 ta' Jannar 1997 u partikolarment meta hi kienet iddikjarat ftit tas-snin qabel biss li l-farmhouse kienet sejra tkun l-unika dar futura taghha u ta' zewgha u dan wara li n-Nutar Dr. George Cassar fil-kuntratt tal-5 ta' Dicembru, 1994 iddikjara li kien spjegalha tajjeb l-importanza tal-veracità ta' din id-dikjarazzjoni taghha.

(xi) Ghandhom isiru l-investigazzjonijiet jekk Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine kienet in buona jew mala fede meta bieghet u ttrasferiet lill-kompraturi Mizzi dak li kei nindikat fil-kuntratt tal-13 ta' jannar 1997 in atti Nutar Dr. Victor John Bisazza partikolarment war certu jeddijiet u drittijiet li nbieghu lill-konjugi Mizzi meta dan Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine suppost li kienet taf li ma setghetx taghmlu u dana kemm partikolarment ghar-rigward tal-bieb u tieqa jharsu fuq il-passagg privat, kif ukoll – interalia- il-porzjoni ta' art ta' forma triangolari mmarkata bil-kulur isfar u mmarkata bl-ittra "D" fl-imsemmija pjanta ta 'kejl ta' cirka sitt metri kwadri tinsab f'tarf tal-garaxx u tmiss minn nofsinhar ma' proprjetà tar-Rikorrenti / Attrici ojerna ossija Theresa Polidano.

(xii) Fil-kaz li tirrizulta l-mala fede jew negligenza jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti kif isiru l-atti pubblici fil-kaz tal-kuntratt tat-13 ta' Jannar 1997 in atti Nutar Dr. Victor John Bisazza, l-imsemmija Intimata / Konvenura Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine ghandha tigi ordnata tikkompensa lir-Rikorrenti / Atturi u taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji li

kienu kostretti li jaghmlu u li waslu ghal dawn il-proceduri kontenzjuzi legali odjerni, kif ukoll li tikkompensahom ghad-danni li sofrew, qeghdin isofru u ghad jistghu isofru kagun tal-istess nuqqasijiet fl-att pubbliku hawn citat.

(xiii) Ghandu jigi determinat min min kien responsabbli fin-nuqqas tar-responsabbilità kollettiva fir-rigward tal-persuni interessati u li jippubblikaw l-att pubbliku tat-13 ta' Jannar 1997, fis-sens illi n-nuqqasijiet serjissimi mibnija fuq nuqqas t'osservanza tar-regolamenti ta' kif isiru atti pubblici dwar aljenazzjoni ta' proprjetà mmobiljarji u drittijiet, gustijiet u servituwijiet fuqha, huwa evidenti li Carmela mart Joseph Ellul de proprio et nomine bieghet u aljenat drittijiet, servituwijiet, gustijiet li fil-verità ma kellha ebda titolu legali li taghmel hekk u ma kellha ebda dritt li taghmel hekk liema drittijiet, gustijiet, servituwijiet gew akkwistati u mixtrija mill-konjugi Mizzi (odjernament legalment mifruda) u dan kollu sar bi pregudizzju kbir ghar-Rikorrenti / Atturi odjerni u ghalhekk irid jigi determinat ir-responsabilità ghal dawn in-nuqqasijiet legalment serjissimi u fattwalment ta' pregudizzju kbir ghar-Rikorrenti / Atturi min ghandu jassumi responsabbilità ghalihom u jigi mghobbi bl-obbligu legali li ajghmel jew jaghmlu tajjeb ghal dawn in-nuqqasijiet.

(xiv) Ghandhom jigu fic-cirkostanzi likwidati d-danni sofferti mir-Rikorrenti / Atturi fir-rigward tan-nuqqasijiet mibnija fuq ricerka inadekwata, negligenza u /jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti ta kif isiru l-atti pubblici u fejn tali danni ghandhom jigu likwidati b'mod li jirriflettu l-inkonvenjenzi, l-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji, u d-danni attwali u potenzjali mibnija fuq fatti u zvilupp ta' cirkostanzi li sofrew ir-Rikorrenti / Atturi ojderni.

(xv) Din l-Onorabbli Qorti ghandha b'referenza ghall-atti pubblici tal-1954, id-dritt ghall-passagg liberu hemm imsemmi fl-arja li hija wzata minn kull min jaccedi ghal dan il-passagg privat m'ghandha qatt tigi ngombrata, ossija ostakolata jew maghluqa b'mod illi jkun hemm ipparkjar irresponsabbli u minghajr ma jhalli manuvrar

adekwat biex ir-Rikorrenti / Atturi jkunu jistghu jimmanuvraw trakkijiet u ingenji mehtiega inkluz il-vetturi privati taghhom biex ikunu jistghu jaccedu mhux biss ghar-residenza taghhom imma anke ghall-ghelieqi tal-madwar f'din l-arja maghrufa bhala "Tal-Gholja".

(xvi) Ebda wiehed mill-intimati jew min min minnhom m'ghandu fl-eventwali att pubbliku fil-mori tal-kawza jew ghal li gej ikun sejjer jaljena l-proprjeta' immobiljari f'dan il-lokal partikolari ta' Benghajsa limiti ta' Birzebbuga, l-Intimati / Konvenuti jew min min minnhom m'ghandu qatt f'ebda Att Pubbliku jassenja xi dritt jew xi gust, xi servitu' jew xi privilegg li jaghti l-fakulta' lil xi terza persuna li tipparkja f dan il-Passagg Privat fis-sens illi gie mitlub fit-Talba precedenti.

(xvii) ebda Intimat / Konvenut jew min min mill-Intimati / Konvenuti odjerni f'dan ir-Rikors Guramentat m'ghandu jabbtza mill-aljenazzjoni ta' drittijiet li ma jkunx hemm, mill-allokazzjoni ta' privileggi, servituwijiet jew gustijiet li ma jkunux jistghu jinghataw u dan taht penali u proceduri ghad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, liema kundizzjoni tassattiva u perentorja ghandha tigi wkoll imposta fuq terzi persuni li ghada pitghada ghad ikunu jistghu jew ikunu sejrin jakkwistaw permezz ta' xiri jew titlu iehor il-proprjetajiet immobiljari biswit il-proprjeta' mmobiljari tar-Rikorrenti / Attur u dan taht kwalsiasi provediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna.

(xviii) ghandhom jigu eliminati mir-residenza attwali tal-Intimati / Konvenuti konjugi Vella l-pregnancy windows li gew stallati abbuzivament fil-proprjeta' tal-konjugi Vella u li jaghtu ghal gol-proprjeta' tar-Rikorrenti / Atturi u cioe' fil-lvant tar-razzett imsemmi li jinsab fi Triq l-Immakulata Ktncizzjoni gewwa Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga, u kwalsiasi pregnancy window ohra li hemm u li qed joholqu nkonvenjent minhabba l-abbuz ta' twahhil taghhom fil-proprjeta' u fit-tgawdija taghha tal-istess Rikorrenti / Atturi u dan kif jirrizulta ampjament fil-mori ta' din il-kawza nkluz mid-Dokumenti u evidenza ohra li giet

prodotta minn kull parti nteressata f dan ir-Rikors Guramentat odjern.

(xix)ghandha tigi mnehhija t-tinda li hemm quddiem il-bieb li odjernament l-Intimati / Konvenuti Vella qeghdin jutllizzaw bhala l-bieb ta' barra taghhom u dan minhabba li tali struzzjoni strutturali tqeghdet hemm minghajr ebda permess u b'abbuz u inkursjoni u vjolazzjoni tad-drittijiet proprjetarji tar-Rikorrenti / Atturi, u dan biex b'hekk kemm l-Intimati / Konvenuti partikolari kif ukoll min min mill-Intimati / Konvenuti l-ohra ma jibqghu jabbuzaw kontra l-ligi, ir-regolamenti tal-bini u kontra d-drittijiet, privileggi, servituwijiet, u gusti tar-Rikorrenti / Atturi odjerni jew l-eventwali eredi taghhom.

(xx) il-fossa li hemm fil-Passagg Privat tal-Intimati / Konvenuti Farrugia ghandha tigi mnehhija billi din giet stallata hemm abbuzivament, illegalment u kontra d-drittijiet tar-Rikorrenti / Atturi barra li din tikkonstitwixxi periklu serju ghas-sahha tan-nies kollha li jirresjedu f'dan il-lokal biswiet il-Passagg Privat li hawn qed jigi ndikat u msemmi u naturalment minhabba wkoll illi qatt u taht l-ebda cirkostanzi tali fossa ma kellha tigi hemm stallata u dan ghar-ragunijiet ovvji skond ir-regolamenti li jirregolaw l-arti u ssengha tal-bini u ta' stallazzjonita' facilitajiet bhal fossa partikolarment meta din qed tigi stallata b'mod illi qed tikser kwalsiasi dritt proprjetarju, sanitarju, tal-istess Rikorrenti / Atturi apparti mill-periklu li qed jinholoq li vetturi li jghaddu minn fuq din il-fossa jistghu jispiccaw sfundati go fiha bil-konsegwenzi mmaginabbli li jista' jkun hemm.

(xxi)il-hajt tal-gnejna tal-Intimati / Konvenuti Vella ghandu jibqa' fil-posizzjoni li attwalment hu u mhux kif qed jigi progettat jinhareg aktar 'il barra u dan ghaliex dan jikkostitwixxi abbuz fuq id-drittijiet proprjetarji tar-Rikorrenti / Atturi apparti milli hemm ksur tar-regolamenti tal-arti u s-sengha ta' kif isir il-bini u dan apparti l-ksur tal-privileggi ta' Passagg Privat illi r-Rikorrenti I Atturi ghandhom fuq l-istess passagg minhabba li dawn huwa l-uniku mezz kif dawn ikunu jistghu jaccedu mhux biss

ghar-residenza taghhom imma biex mir-residenza johorgu ghal barra sat-triq principali.

(xxii)ghandhom jigu mnehhija kwalsiasi struttura maghrufa bhala pregnancy structure li gew stallati n-naha ta' fuq tar-residenza attwali tal-Intimati / Konvenuti konjugi Vella u dan ghal fuq in-naha tat-tramuntana ta' dawn l-istess proprjetajiet immobiljari b'inkonvenjenzi kbar ghar-Rikorrenti / Atturi li qeghdin icahhduhom milli jgawdu l-proprjeta' taghhom u d-dritt ta' passagg minn dan il-Passagg Privat li allura apparti mill-inkonvenjenzi jizvalutaw il-valur tar-residenza tal-istess Rikorrenti / Atturi apparti milli jikkostitwixxu abbuz fuq id-drittijiet, gustijiet, servituwijiet u privileggi ohra tal-istess Atturi / Rikorrenti.

(xxiii)ghandha titnehha l-kamra li nbniet abbuzivament u llegalment u minghajr ebda permessi tal-MEPA liema kamra tinsab sitwata fuq il-bejt tar-residenza tal-Intimati / Konvenuti VELLA u li qeghda tintuza odjernament bhala kcina, kif anka jafu l-Awtoritajiet Kompetenti nkluz dawk tal-MEPA u tali kamra ghandha titnehha billi apparti li nbniet illegalment qeghda tohloq inkonvenjent ghall-passagg tal-ilma minn fuq il-bejt tar-residenza tar-Rikorrenti / Atturi ghal fuq il-bejt tar-residenza li dik illum hija propjeta' tal-Intimati / Konvenuti VELLA u ghaldaqstant biex id-dritt ta' passagg tal-ilma minghand ir-Rikorrenti / Atturi ma jigix impedut bi strutturi abbuzivi bhal dawn, li apparti li huma llegali joholqu periklu minhabba li mal-medda tas-snin jista' jkun hemm deterjorazzjoni ta' proprjeta' bhal ma effettivament gara fis-saqaf tar-residenza tar-Rikorrenti / Atturi liema saqaf illum jaghti ghal fuq kamra li qeghda tintluza ghall-htigijiet tal-familja tar-Rikorrenti / Atturi.

(xxiv) il-kanna li hemm minn fuq il-bejt tar-Rikorrenti / Atturi ghal fuq il-bejt tar-residenza attwali tal-Intimati / Konvenuti VELLA jew kull min ikun qieghed jokkupa din ir-residenza, din il-kanna ghandha tibqa' fissa billi din ilha hemm ghal eghxieren ta' snin u sservi biex jaqleb l-ilma mir-residenza tar-Rikorrenti / Atturi ghal fuq il-bejt tar-

residenza tal-Intimati / Konvenuti VELLA liema kanna imbaghad taqleb ghal fuq il-bejt tar-residenza tar-Rikorrenti / Atturi ghal darb'ohra u ghalhekk il-htiega li din il-kanna ma tigi bl-ebda mod mittiefsa, imnehhija jew eliminati minn hemm kif qeghdin jippruvaw jaghmlu l-Intimati / Konvenuti konjugi VELLA l-girien immedjati tar-Rikorrenti / Atturi Polidano u ghaldaqstant ghandu jkun hemm din il-projbizzioni ghar-ragunijiet legalment u fattwalment validi mposti minn din l-Onorabbli Qorti.

(xxv) ghandhom jitnehhew ic-cmieni tal-albestos li gew stallati, imwahhlin u mibnija bla permess u dan peress li dawn jikkostitwixxu periklu ghas-sahha tar-Rikorrenti / Atturi kif inhu ben maghruf illum mad-dinja kollha konsiderando li l-materjal ta' dawn ic-cmieni huwa tal-albestos, u ghaldaqstant tali cmieni li jinsabu fuq il-bejt tar-residenza attwali tal-Intimati / Konvenuti konjugi VELLA jew min eventwalment ghad jakkwista din ir-residenza peress li din fil-mument tal-mori ta' din il-kawza qeghda tigi ppubblicizzata ghall-bejgh, ghaldaqstant tali cmieni ghandhom jigu ordnati li jitnehhew mill-aktar fis possibbli u fi zmien qasir u perentorju.

(xxvi)ghandu jinghalaq il-bieb li ccarrat abbuzivament u bla permess f’dik il-parti ta' art ta' sitt metri kwadri li aktar 'il fuq l-istess Rikorrenti / Atturi qed jitolbu biex din terga' tigi restitwita lura lilhom minhabba li din ittiehdet b'qerq, negligenza, jew nuqqas ta' osservanza tar-regoli li jwasslu ghall-pubblikazzjoni ta' Atti Pubblici skond kif gia fuq indikat pero' illi minghajr pregudizzju ghal din it-Talba, qed jintalab ukoll illi bieb li hemm f’wiehed mill-hitan ta' din l-art li qeghda tigi kkontestata u li ttiehdet abbuzivament mill-proprjeta' tar-Rikorrenti / Atturi, tali bieb ghal kull buon fin ghandu jigi mcarrat naturalment fil-parametri li din il-Qorti ghandha tordna wkoll li l-art **ut sic** ghandha tigi kollha restitwita u assenjata mill-gdid lill-veru proprjetarji taghha ossija r-Rikorrenti / Atturi.

(xxvii) b'referenza ghall-Att Pubbliku tad-disgha (9) ta' Jannar, tas-sena elfejn u erbgha (2004), in Atti Nutar Dr Roberta Bisazza, ghandu jigi ddikjarat jekk sarux ricerki adekwati

biex ikun jista' jigi ppubblikat wara li jkun redatt il-Kuntratt in ezami u jekk sempliciment saritx referenza ghal zewg Kuntratti precedenti u cioe' ta' missier Dr Roberta, in-Nutar Dr Victor John Bisazza fir-rigward tal-Kuntratt gia citat tat-tlettax (13) ta' Jannar tal-elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) u l-iehor precedenti ghal dan tal-ahhar u cioe' l-Kuntratt in Atti Dr George Cassar, tal-hamsa (5) ta' Dicembru tal-elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994), u dan ghar-ragunijiet ovvji kif qeghdin jirrizultaw minn dawn it-Talbiet odjerni f'dan ir-Rikors Guramentat tal-lum.

(xxviii)jigi stabbilit kienx hemm buona fed.e jew mala fede jew negligenza, traskuragni, nuqqas ta' osservanza tar-regoli bazici u mehtiega, jew dawn kollha flimkien jew mill-liema minn dawn ir-ragunijiet, fil-partijiet interessati kollha ndikati fl-Att Pubbliku tad-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) u partikolarment fil-persuni tal-kompraturi l-konjugi Joseph u Helen VELLA bil-Karti rispettivi tal-Identita' taghhom 76663(M) u 373764(M) kif ukoll Marika Mizzi li l-isem proprju taghha huwa Maria Carmela MIZZI imma mhux hekk indikat f'Dokument ufficjali bhall-Att Pubbliku citat u Fabian MIZZI legalment mifrud mill-imsemmija Marika li ghandhom in-numru tal-Karti tal-Identita' rispettivi taghhom 229269(M) u 70568(M) u dan biex din il-Qorti tkun tista' tikkonkludi kif qeghda tikkonkludi mill-provi rizultanti fl-Atti Processwali ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern jekk qattx legalment u fattwalment setghu isiru aljenazzjonijiet ta' drittijiet, gustijiet, privileggi, u servituwijiet imsemmijin jew accennati fil-Kuntratt citat tad-9 ta' Jannar, 2004, partikolarment dwar bieb u tieqa jharsu fuq passagg privat; porzjoni ta' art ta' forma triangolari tal-kejl ta' cirka sitt metri kwadri (6m.k.), tinsab fit-tarf tal-garaxx, u tmiss minn nofsinhar ma' proprieta' ta' Theresa Polidano; U zviluppi ohra li effettivament saru minghajr awtorizzazzjoni la mis-sidien Rikorrenti / Atturi fil-kawza odjerna jew minn Awtoritajiet Kompetenti ohra jekk kien il-kaz.

(xxix) l-Arkitett u Inginier Civili Intimat / Konvenut il-Perit Michael Schembri ifisser lil din l-Onorabbli Qorti kif wasal biex wettaq il-Pjanta tieghu esebita u mehmuza mat-tliet (3) Kuntratti citati tal-elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994), l-elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997), u tal-elfejn u erbgha (2004), partikolarment l-indikazzjonijiet maghmula mill-istess Perit rigward il-Gardina, il-Passagg, ir-Razzett, l-Art, u s-Servitu' ta' zewg twieqi zghar u dan biex l-istess Arkitett u Inginier Civili jfisser minn fejn gab l-awtorizzazzjoni u kif wasal ghall-konkluzjonijiet li seta' johloq fi Pjanta li kellha tkun indikattiva bhala dritt proprjetarju fuq art in partikolari u dan b'referenza ghar-razzett f'Benghajsa limiti ta' Birzebbuga li jirrizulta tant ovvju ripetutivament fil-mori ta' din il-kawza u li huwa l-mertu ewlieni tar-Rikors Guramentat odjern.

(xxx) ghandhom jigu likwidati d-danni kollha dovuti li baghtew, qeghdin ibaghtu u konsegwenzjalment ghad jistghu ibaghtu r-Rikorrenti / Atturi odjerni jew l-eventwali eredi taghhom u dan b'rizultat ta' atti ta' negligenza u / jew traskuragni u / jew nuqqas t'osservanza tar-regoli bazici u fundamentali mehtiega biex isir Att Pubbliku rigwardanti trasferiment ta' proprjeta' immobiljari u drittijiet, privileggi, gustijiet u servituwijiet fuqha, u dan sabiex jigi stabbilit kienx hemm ukoll mala fede fl-esekuzzjoni ta' dawn it-tliet (3) Kuntratti tal-1994, 1997 u 2004 hawn fuq citati.

(xxxi) tali danni ghandhom jigu llikwidati u mhallsa fi zmien qasir u perentorju lir-Rikorrenti / Atturi nkluz l-imghaxijiet legali u jekk ikun il-kaz kummercjali dovuti lilhom b'effett mill-hamsa (5) ta' Dicembru, tal-elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994) jew f'liema data appozita din il-Qorti tikkonkludi li jkun gust li jinghataw l-imghaxijiet legali u jekk ikun il-kaz kummercjali lir-Rikorrenti / Atturi jew l-eventwali eredi taghhom u dan minhabba l-abbuz fl-uzurpazzjoni llegali ta' drittijiet proprjetarji appartenenti lir-Rikorrenti / Atturi li gew mghoddija llegalment lil terzi persuni bi qliegh u profitt sostanzjali ghal dawn it-terzi persuni u bi pregudizzji kbar kontra l-interessi legali u

fattwali, materjali u kummercjali tal-istess Rikorrenti / Atturi f'dan ir-Rikors Guramentat odjern.

(xxxii)l-ispejjez kollha tal-Atti kollha, direttament u / jew indirettament konnessi ma' dawn l-Atti Processwali sa mill-inizzjar ufficjalment taghhom kif jirrizulta minn dawn l-istess Atti Processwali u fil-mori ta' din il-kawza, spejjez kemm gudizzjali kif ukoll extra gudizzjarji kopranti d-drittijiet gudizzjarji u drittijiet extra gudizziarji, dawn ghandhom jigu sopportati mill-Intimati / Konvenuti kollha in solidum bejniethom jew kif tiddetermina din l-Onorabbli Qorti, liema spejjez kif likwidati ghandhom jigu pprivileggjati skond il-ligi a favur ir-Rikorrenti / Atturi sal-pagament effettiv u dan biex tabilhaqq tkun saret gustizzja fil-konfront tal-ingustizzja kbira li din il-Qorti ghandha tiddetermina tkun saret kontra l-interessi kollha tar-Rikorrenti / Atturi u dan da parti tal-Intimati / Konvenuti jew min min minnhom.

(xxxiii)ghandhom jinghataw dawk id-direttivi, ordnijiet, struzzjonijiet, u provedimenti kollha li din il-wisq Onorabbli Qorti jidhirlha xieraq u gust li f'kull stadju ta' din il-kawza sad-decizjoni finali thoss li ghandha hekk tordna, tidderigi, tistruwixxi, u tipprovdi partikolarment abazi tat-Talbiet tar-Rikorrenti / Atturi hawn fuq suesposti u dan sabiex ma jkun hemm ebda dubju li fl-ahhar ta' dawn il-proceduri gudizzjarji l-gustizzja mhux biss tkun saret imma dehret tabilhaqq li saret: Hekk Alla jghina!

(xxxiv)din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li huwa evidenti li hawn kellna kaz ta' perpetwazzjoni ta' zball kontinwu li sehh minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas t'osservanza ta' regoli ta' kif isiru b'mod serju u professjonali l-Atti Pubblici, liema zball qatt ma gie retifikat u baqa' jsehh u li dan jirrizulta manifestament mill-Atti Pubblici citati tas-snin elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994), elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) u elfejn u erbgha (2004) u din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonferma b'dikjarazzjoni dan in-nuqqas serju ghad-detriment u bi pregudizzju kbir tad-drittijiet proprjetarji u tal-fiducja fl-Atti Pubblici li mminaw l-interessi tar-

Rikorrenti / Atturi u l-fiducja fis-sistema ta' trasferiment ta' drittijiet proprjetarji minn persuna ghal ohra.

(xxxv) din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti struzzjonijiet biex a spejjez tal-Intimati / Konvenuti kollha kemm huma jew min min minnhom skond kif tiddeciedi din l-Onorabbli Qorti, ghandu kollox jerga' jigi restitwit fl-istat integru u priginali tieghu kif kien fis-sehh meta saru l-kuntratti in atti Nutar Dr. Joseph Vella Galea tas-27 ta' Frar 1954 li gew indikati u huma mehmuzin kopja fotostatika awtentikata u originali mal-atti processwali ta' dan ir-rikors guramentat odjern: l-issodar tal-principju restitutum in integro.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, inkluz id-drittijiet kollha dovuti, gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-Intimati / Konvenuti kollha jew min minnhom kif tiddetermina din il-wisq Onorabbli Qorti, liema Intimati / Konvenuti kollha qeghdin minn issa jigu ingunti in subizzjoni.

B'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra gudizzjarja jew extra gudizzjarja imma skond il-ligi spettanti lir-Rikorrenti / Atturi odjerni kontra l-Intimati / Konvenuti kollha jew minn min minnhom u dan dejjem skond ma jirrizulta mid-decizjoni finali ta' din il-wisq Onorabbli Qorti jew kwalsiasi Qorti ohra sakemm ikun hemm is-sentenza, il-gudizzju u d-decizjoni definittiva.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Josephine Farrugia u Catherine Grech fejn eccepew illi:

L-esponenti, rinfaccjati b'rikors guramentat li jikkontjeni xejn inqas minn 35 talba, sejrin bir-rispett jillimitaw ruhhom sabiex iwiegbu ghal dawk it-talbiet li ghandhom fondament legali, u li b'xi mod huma jew jistghu ikunu talvolta rivolti lejhom, partikolarment it-talbiet enumerati 5, 6, 7, 8, 14, 20, 28, 30, 34 u 35.

In linea preliminari ghal dak li l-eccipjenti jifhmu li huma talbiet li ghandhom natura ta' spoll, tigi eccepita d-dekadenza tal-

azzjoni abbazi tal-Artikoli 534 u 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll in linea preliminari, l-attur Carmelo Polidano f'ismu proprju, minn dak li hu riportat voluminozament fl-atti prezentati, m'ghandux interess guridiku fil-proceduri odjerni, u ghaldaqstant l-eccipjenti ghandhom jigi liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu, bl-ispejjez kontra tieghu.

Ukoll in linea preliminari, in-nuqqas ta' integrità tal-gudizzju stante illi meta l-eccipjenti bieghu l-fond *de quo* huma kellhom biss zewg terzi (2/3) tal-fond u kien hemm terz appertenenti lil haddiehor.

Ghal dawk it-talbiet li huma ta' natura *rei vindicatoria*, jinkombi fuq l-atturi igibu l-provi sal-grad rikjesti mill-ligi, ossia tal-*probatio diabolica*.

It-talbiet enumerati 1, 2, 3, 4, 9, 10, 11, 27 u 29 huma bir-rispett legalment improponibbli, frivoli u vessatorji.

It-talba enumerata 32 tikkontjeni talba ghad-danni digà riflessa fit-talba 30 u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi in kwantu zejda u ripetuta.

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li kif l-atturi jafu ben tajjeb, kull ma bieghu u ttrasferew l-eccepjenti lil terzi kien proprjetà taghhom u mhux tal-atturi.

In kwantu ghat-talba 20, il-legittimu kuntradittur huwa certament min zviluppa u bena fuq l-art imsemmija, u certament mhux l-eccipejnti u dan kif jirrizulta *ex admissis* mill-istess talba.

Konsegwentement, l-eccipjenti ma humiex responsabbli ghal kwalunkwe dannu allegatament soffert mill-atturi.

In kwantu ghall-ispejjez, l-atturi ma jistghux jirkupraw spejjez li huma extra-gudizzjarji u ghandhom jillimitaw ruhhom ghat-taxxa ufficjali tal-Qorti, skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Joseph u Helen mizzewgin Vella fejn eccepew illi:

Preliminarjament ghandu jinghad illi l-unika persuna li jista' jkollha interess guridiku f'din il-kawza hija l-attrici Theresa Polidano illi ma halfitx dan ir-Rikors Guramentat u ghalhekk l-imsemmi Rikors Guramentat huwa null, irritu u inammissibbli.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-attur Carmelo Polidano ma ghandu l-ebda interess guridiku biex jipprezenta din il-kawza.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet attrici huma kollha infondati kemm guridikament kif ukoll fattwalment u l-kuntratt tad-9 ta' Jannar 2004 in atti Nutar Dottor Roberta Bisazza li kopja tieghu giet esibita mill-atturi bhala d-Dok. "GC3" jixhed u jirrapprezenta dak li verament gie akkwistat mill-konvenuti Vella u ma hemm xejn illegali jew irregolari fl-imsemmi kuntratt kif lanqas hemm fil-provenjenza kkwotata.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-eccipjenti jipposjedu d-drittijiet rejali u personali biex ikollhom il-*pregnant windows*, tinda, fossa, kamra, cmieni, bibien u twieqi u generalment kull haga li taghhom qed tintalab it-tnehhija,, liema benefikati huma wkoll koperti bil-permessi mehtiega u ghalhekk ukoll it-talbiet attrici huma fattwalment u guridikament infondati.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-kanna msemmija fit-talba numru erbgha u ghoxrin (24) ghandha titnehha stante li l-atturi qed juzaw u jiddetjenu l-istess minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-eccipjenti kkawzaw l-ebda danni lill-atturi.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni akkwizitiva ta' ghaxar (10) snin stante li l-eccipjenti kif ukoll il-konvenuti Ellul u Mizzi

ipposedew il-proprjetà kif indikata fil-kuntratt tad-9 ta' Jannar 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza b'titolu gust u buona fide ghal ktar minn ghaxar (10) snin.

Subordinatament u minghajr beda pregudizzju, jinghad illi l-eccipjenti ghadhom ma humiex fil-pussess ta' dak kollu li akkwistaw permezz tal-kuntratt tad-9 ta' Jannar 2004 u minn issa qeghdin jirrizervaw li jipprocedu kontra l-atturi u kontra min qieghed ifixkilhom fit-tgawdija tal-proprjetà minnhom akkwistata fid-9 ta' Jannar 2004.

L-eccipjenti jikkontestaw dak kollu msemmi fir-Rikors Guramentat u jiddikjaraw li jafu bil-fatti fuq imsemmi personalment.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Carmela Ellul u l-konvenut Joseph Ellul fejn eccepew illi:

Preliminarjament l-azzjoni intavolata kontra l-esponenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponenti u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(a) Fl-ewwel lok l-esponenti akkwistaw u ttrasferixxu l-proprjetà in kwistjoni u d-drittijiet kollha naxxenti mill-kuntratti telattivi in pjena buon fede u wara illi saru d-debiti ricerki skond il-ligi.
(b) Di più, bosta mix-xogholijiet illi allegament saru minghajr permess u bi ksur u/jew bi pregudizzju tad-drittijiet attrici (jekk verament twettqu) ma twettqux mill-esponenti izda minn terzi u fi zmien illi l-proprjetà kienet già giet trasferita lil terzi.
(c) Inoltre l-unici xogholijiet illi saru fil-perjodu illi l-proprjetà kienet tappartjeni lill-esponenti u cioè l-iskavazzjoni tal-fossa, saru bid-dritt akkwistat mill-istess esponenti ai termini tal-kuntratt ta' akkwist tal-proprjetà tal-5 ta' Dicembru 1994 (paragrafu wiehed

(1) tal-pagna tlieta (3) u qatt ma saret xi forma ta' oppozizzjoni da parti tal-atturi.

It-talbiet tar-rikorrenti, kif dedotti fir-rikors taghhom, huma legalment insostenibbli fil-konfront tal-esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn gie esponut illi:

Preliminarjament l-ebda talba attrici m'hija diretta lejn l-Awtorità esponenti, u ghaldaqstant, l-Awtorità esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ilementi tal-atturi huma lkoll ilmenti ta' natura civili li fihom l-Awtorità esponenti m'ghandha l-ebda setgha jew jedd.

F'kull kaz, jekk xi eghmil tal-Awtorità esponenti jehtieg li jigi mistharreg dan ghandu jsir a tenur tal-provvedimenti tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, provvedimenti li f'dan il-kaz certament mhuwiex applikabbli stante illi japplikaw il-provvedimenti tas-sub-inciz (3) u (4) ta' dan l-istess artikolu.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota spjegattiva tal-atturi li permezz tagħha indikaw kontra min huma diretti t-talbiet tagħhom.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi u wħud mill-konvenuti dwar l-eċċezzjonijiet preliminari dwar l-interess ġuridiku tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tac-Chairman tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, in-Nutar Victor John Bisazza u n-Nutar Roberta Bisazza, Maria Carmela Mizzi u Fabian Mizzi u n-

Nutar George Cassar li mhumiex leġittimi kontraditturi tar-rikorrenti għat-talbiet tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq dawn l-eċċezzjonijiet preliminari.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, r-rikorrenti għamlu diversi talbiet, fosthom ir-rivendika ta' art li tinsab f'Bengħajsa, limiti ta' Birżebbuga, li huma jallegaw illi hija proprjetà tagħhom. Huma talbu wkoll danni f'każ illi l-Qorti ssib illi l-art tagħhom ġiet okkupata illegalment kif ukoll talbiet relatati mal-atti pubbliċi li permezz tagħhom partijiet mill-art in kwistjoni ġew trasferiti lill-uħud mill-konvenuti u talbiet sabiex l-art in kwistjoni tiġi riprestinata.

Il-konvenuti Josephine Farrugia u Catherine Grech, Joseph u Helen Vella, in-Nutar Victor John Bisazza u n-Nutar Roberta Bisazza u n-Nutar George Cassar eċċepew in-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti sabiex jipproponu din l-azzjoni.

Il-konvenuti Chairman tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, in-Nutar Victor John Bisazza u n-Nutar Roberta Bisazza, Maria Carmela Mizzi u Fabian Mizzi u n-Nutar George Cassar eċċepew illi mhumiex il-leġittimi kontraditturi tar-rikorrenti jew li m'għandhomx relazzjoni ġuridika mal-istess rikorrenti.

Din hija sentenza preliminari limitatament dwar dawn l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Dwar l-interess Ġuridiku tar-rikorrenti Carmelo Polidano u Theresa Polidano, il-Qorti qieset illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Henry Tabone vs Hilda Demajo, deċiża fit-3 ta' Novembru 2004:

> *"Dan premess, jibda biex jiġi osservat illi kif paċifikament akkolt fuq it-tagħlim tal-Mattirolo (Diritto Giudiziario, Vol. 1, para 33 et sequitur) "il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamento minacciato non puo essere esercitata*

*senza un interesse, essendo assiomatico che l' interesse è la misura delle azioni ed è il motivo che giustifica l' accesso alle aule di giustizia. In altri termini, non basta che ci sia il diritto astratto per aprire l' adito all' esercizio di una azione, ma occorre che ci sia l'interesse come condizione essenziale per poter allegare e dimostrare in tribunale tale diritto" - "Negte Edgardo Moore -vs- Onor. Joseph Huber nomine", Appell Ċivili, 25 ta' Mejju 1932 (Kollez. Vol. XXV P I p 506);*

*Is-sentenza li fiha tista' tgħid jinsab raġġruppat il-konċett kollu in subjecta materia hi dik fl-ismijiet "Pietro Paolo Borg -vs- Giuseppe Caruana" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Ċivili, fit-3 ta' Diċembru 1984. L-estratt segwenti minnha jispjega sew it-tematika:*

*"In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni (Vol. XXXVII P II p 608) u r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII P I p 507). L-interess hu l-bażi ta' l-azzjoni (Vol. XXIX P I p 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX P I p 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuz jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII P I p 108; Vol. XXXVII P I p 57; Vol. XXXVII P II p 608). Biex wieħed jipproponi domanda f' ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu nteress fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittimu u konkret (Vol. XXVIII P II p 317)'"*

Fis-sentenza fl-ismijiet Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et, deċiża fit-28 ta' Novembru 2003, il-Qorti tal-Appell irreferiet għall-principji fil-ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tagħha, għandhom iservu ta' gwida li fuqhom għandha timxi Qorti biex

tirriżolvi vertenza ta' din ix-xorta. Dawn il-prinċipji huma s-segwenti:

*(i) l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali;*

*(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizża dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;*

*(iii) l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmulha kontriha;*

*(iv) l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi;*

*(v) l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-ħajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;*

*(vi) l-interess ta' l-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;*

*(vii) fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromuovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'l quddiem;*

*(viii) l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes*

*biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku.*

*(ix) jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda illegali – azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala waħda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ.*

Kif qalet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Kevin Chircop vs Joseph Chircop tat-28 ta' Jannar 2004:

> "*Issa ħadd ma jiddubita illi l-Qrati huma aċċessibbli għal kulħadd. Daqstant ieħor però huwa indiskuss ukoll illi min jadixxi lill-Qrati għandu juri li huwa għandu dritt li ġie vjolat lilu, jew li jiġi lilu ri-stabbilit id-dritt hekk leż mill-konvenut, u allura permezz tal-azzjoni jista' jipprokura xi riżultament vantaġġuż jew skop utli*."

Ir-rikorrenti Theresa Polidano tibbaża t-titolu tagħha fuq il-prelegat li tħalla lilha flimkien ma żewġha Giovanni Polidano minn omm u missier żewġha Francesco u Giovanna Polidano permezz tat-testment tagħhom tat-8 ta' Settembru 1981. Minkejja li ma ġewx ippreżentati kopji taċ-ċertifikati tal-mewt ta' Francesco u Giovanna Polidano, il-Qorti hija tal-fehma li ġie stabbilit għal finijiet tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti Teresa Polidano li dawn fil-fatt mietu, in kwantu li ġiet ippreżentata kopja tad-denunzja tagħhom. Għaldaqstant, jirriżulta li l-interess ġuridiku tar-rikorrenti Teresa Polidano huwa dirett jew personali, huwa leġittimu għaliex ibbażat fuq titolu legali u attwali għaliex l-effett ta' dan il-prelegat għadu jeżisti.

Però ma jistax jingħad l-istess fuq ir-rikorrenti Carmelo Polidano. Fit-testment li fuqhom ir-rikorrenti iffondaw il-bażi tal-azzjoni tagħhom huwa ma jiffigura mkien u għalhekk ma jistax isostni li abbażi ta' dan it-testment teżisti relazzjoni ta' dritt mal-konvenuti. Huwa jsostni li huwa flimkien ma ħutu wiret lill-missieru iżda ma tresqet ebda prova ta' dan. Ir-rikorrent eżebixxa kopja tad-denunzja ta' missieru Giovanni

Polidano iżda huwa magħruf illi din mhijiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rikorrent verament wiritx lill-missieru, u fi kwalunkwe każ, fl-istess denunzja hemm dikjarat illi Giovanni Polidano ma kellu ebda proprjeta immobbli. Il-Qorti lanqas ma taqbel mas-sottomissjonjiet tar-rikorrent illi huwa għandu interess ġuridiku jipproponi din l-azzjoni in kwantu li huwa mandatarju t'ommu u allegatament mandatarju ta' ħutu. Għaldaqstant, ma jistax jingħad illi r-rikorrent irnexxilu jipprova l-interess ġuridiku tiegħu sabiex jipproponi din l-azzjoni in kwantu li ma jirriżultax li l-proprjetà mertu tal-kawża tappartjeni lilu.

Dwar l-eccezzjoni tal-Leġittimu Kontradittur il-Qorti tqis li, kif spjegat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Burmarrad Commercials Limited vs Desmond Mizzi et, deċiża fit-28 ta' Frar 2007:

> "*b'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralità t'atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni t'effetti ġuridiċi fl-ambitu tad-drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar*."

Il-Qorti kompliet ukoll billi qalet:

> "*Huwa ferm evidenti minn natura u l-kontenut ta' dawn l-aggravji illi dak li jitqies primarju li jiġi investigat hi x-xorta ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet in kwantu minnha jrid imbagħad jirriżulta jekk l-appellanti kellux jitqies bħala l-leġittimu kontradittur di fronte għas-soċjetà attriċi*."

Għaldaqstant għandu jiġi eżaminat jekk il-konvenuti msemmija għandhomx tabilħaqq rapport proċesswali mad-domanda tar-rikorrenti u allura għandhomx jikkonfiguraw bħala l-kontradditturi leġittimi.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet Grace Sacco vs Is-Supretendent Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex et, deċiża fis-16 ta' Ottubru 2007:

*"Hu fatt li sabiex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-leġittimu kontradittur ta' parti f'kawża, jeħtieġ li fl-ewwel lok jiġi stabbilit fuq bażi ta' prima facie jekk il-persuna li ġiet imħarka kienetx materjalment involuta f'dak li minnu qegħda tilmenta l-attriċi. Ċjoe jekk bl-aġir tiegħu ħoloq relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif ġew proposti mill-attriċi."*

Proprju dwar dan, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 sostniet illi:

*"Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinsab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korretament f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat in kwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozzju u allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża."*

Kif ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn ingħad illi:

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Fir-rigward tac-Chairman tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, huwa evidenti li din tħarrket inutilment. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li hija assolutament ma taqbilx ma dak sottomess mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom meta jgħidu li l-Awtorità għandha '*tgħarbel kull żvilupp li jsir fl-inkwadratura anke jekk l-applikazzjoni tkun saritx abbużivament minn xi ħadd li fl-ewwel lok ma kellu ebda titolu jagħmel dan u fejn jiġu affettwati l-interessi proprjetarji tar-rikorrenti/atturi f'dan il-każ odjern*.' Minn imkien ma jirriżulta li l-Awtorità imħarrka għandha dawn l-obbligi in kwantu li l-Awtorità msemmija hija konċernata biss bil-legalità tal-bini u/jew strutturi mill-ambitu tal-ippjanar u mhux it-titolu legali ta' min bena. Fit-tieni lok, minn sempliċi qari tat-talbiet tar-rikorrenti huwa evidenti li ebda talba ma tista' tkun legalment proponibbli fil-konfront tal-Awtorità in kwantu li dawk it-talbiet illi skont in-nota spjegattiva tar-rikorrenti huma indirizzati lejn dan il-konvenut huma sabiex tiġi demolita kamra u sabiex jitneħħew kanna u ċmieni li ċertament ma ġewx mibnija jew installati mill-konvenut Chairman tal-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-Awtorità qiegħda tiġi milqugħa.

Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet tan-Nutara George Cassar, Victor John Bisazza u Roberta Bisazza li huma mhumiex l-leġittimi kontradittturi jew li m'għandhomx relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti, l-Qorti ssib illi wkoll ma jirriżultax illi t-talbiet tar-rikorrenti jistgħu qatt jiġu kkunsidrati li huma indirizzati lejhom.

Fir-rigward tan-Nutar George Cassar, ir-rikorrenti fin-nota spjegattiva tagħhom jindikaw illi huma t-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tagħhom li huma indirizzati lejn in-nutar imsemmi. Minn qari ta' dawn it-talbiet il-Qorti ma jirriżultax illi dan huwa minnu. Ma jistax jingħad illi talba sabiex isiru verifiki dwar jekk kuntratt sarx '*b'mod serju u intensiv biżżejjed*' tista tiġi kkunsidrata li hija talba diretta lejn in-nutar pubbliku li ppubblika l-att. Kwalunkwe deċiżjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward ma tistax torqot lin-nutar imsemmi in kwantu li din il-Qorti ma ġietx mitluba sabiex issib lin-nutar responsabbli għal xi nuqqas iżda biss sabiex isiru verifiki dwar il-kontenut tal-kuntratt innifsu u n-Nutar Cassar, ma jistax jiġi kkunsidrat li huwa l-

leġittimu kontradittur tar-rikorrenti fir-rigward ta' din it-talba sempliċiment għaliex huwa n-nutar li ppublika l-att, kif donnhom qiegħdin jipretendu r-rikorrenti. Il-Qorti intalbet tagħmel verifiki dwar il-kuntratt u mhux dwar in-nutar li ppublikah. Permezz tal-ħames talba jirriżulta li r-rikorrenti qiegħdin jitolbu danni mingħand konvenuti oħra, mhux mingħand in-Nutar Cassar u s-sitt talba hija talba sabiex jiġi modifikat il-kuntratt pubbliku u għaldaqstant ċertament mhijiex talba li tista tiġi kkunsidrata li hija diretta lejn in-Nutar Cassar.

L-istess jista jingħad fir-rigward ta' dawk it-talbiet illi allegatament huma diretti lejn in-nutara Victor John Bisazza u Roberta Bisazza. It-talbiet illi r-rikorrenti jgħidu li huma diretti lejn dawn in-nutara jiġifieri talbiet disgħa sa sbatax, talba numru sebgħa u għoxrin u tmienja u għoxrin mhumiex legalment sostenibbli fil-konfront tan-nutara msemmija in kwantu li l-Qorti qiegħda tiġi mitluba tagħmel verifiki dwar dawn il-kuntratti u mhux qiegħdin jiġu indirizzati n-nutara direttament. B'żieda ma dan bosta minn dawn it-talbiet huma sabiex il-Qorti tindaga dwar kienx hemm *mala fede* da parti tal-partijiet li dehru fuq l-istess kuntratti u mhux in-nutara li ppublikawhom. It-talbiet numru tlettax u sebgħa u għoxrin jagħmlu riferenza għal persuni interessati fil-kuntratt iżda ċertament ma jistax jingħad illi n-nutara msemmija huma persuni interessati.

Ma tressqet ebda talba mir-rikorrenti li hija direttament indirizzata lejn dawn in-nutara u għaldaqstant ma jistax jingħad illi huma għandhom xi relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u ċertament illi mhumiex il-leġittimi kontradittturi għal din l-azzjoni tar-rikorrenti kif proposta u għaldaqstant l-eċċezzjonijiet tagħhom f'dan is-sens qiegħdin jiġu milqugħa.

Fir-rigward tal-konvenuti Maria Carmela Mizzi u Fabian Mizzi jirriżulta li filwaqt illi mhux it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma indirizzati lejhom, ma jistax jingħad illi mhumiex leġittimi kontradittturi tar-rikorrenti fil-konfront ta' talbiet oħra in kwantu li ma tresqitx prova li huma m'għadhomx sidien tal-art mertu tal-kawża kif allegat minnhom fir-risposta tagħhom u għaldaqstant f'dan l-istadju ma jistgħux jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fir-rigward tal-konvenuta Carmela Ellul, jirriżulta li fin-nota ta' sottomissjonjiet tagħha hija ssostni li hija wkoll resqet eċċezzjoni fis-sens illi hija mhijiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri iżda minn qari tar-risposta ġuramentata tagħha jirriżulta li dan mhuwiex minnu. Hija tgħid biss f'dan ir-rigward illi '*di pju, bosta mix-xogħolijiet illi allegatament saru mingħajr permess u bi ksur u/jew bi preġudizzju tad-drittijiet attriċi (jekk veramen twettqu) ma twettqux mill-esponenti iżda minn terzi u fi żmien illi l-proprjeta kienet ġja ġiet trasferita lil terzi*.' Dwar dan, il-Qorti hija tal-fehma li fl-ewwel lok mhuwiex minnu li permezz ta' din l-eċċezzjoni hija eċċepiet illi mhijiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u fit-tieni lok in kwantu li ma tresqet ebda prova dwar dak allegat minnha, ma tistax il-Qorti ssib fuq bażi prima facie li mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi.

Għalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiddikjara li r-rikorrent Carmelo Polidano ma għandu ebda interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri;

2. Tiddikjara li c-Chairman tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, in-Nutar George Cassar, in-Nutar Victor John Bisazza u n-Nutar Roberta Bisazza mhumiex leġittimi kontradditturi tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Tordna l-prosegwiment tal-kawża unikament f'isem ir-rikorrenti Theresa Polidano u fil-konfront tal-konvenuti l-oħra.

L-ispejjeż tal-konvenuti Chairman tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Nutar George Cassar, Nutar Victor John Bisazza u Nutar Roberta Bisazza jitħallsu mir-rikorrenti filwaqt illi l-bqija tal-ispejjeż huma riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG